ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 63

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 51**

**7 ta' Marzu 2008**

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 208/2008 tas-6 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........................ 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 209/2008 tas-6 ta' Marzu 2008 rigward l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid għas-*Saccharomyces cerevisiae* (Biosaf Sc 47) bħala addittiv fl-għalf** (1) ....... 3

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2008/39/KE tas-6 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2002/72/KE dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel** (1) ..... 6

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2008/203/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2008 li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 168/2007 firrigward ta' l-adozzjoni ta' Qafas Pluriennali għall-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2007-2012** ........................................................ 14

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

**Kummissjoni**

2008/204/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta’ l-10 ta’ Ottubru 2007 rigward l-għajnuna mill-Istat mogħtija minn Franza f’dak li jikkonċerna r-riforma tal-metodu ta’ finanzjament għall-pensjonijiet għall-uffiċjali tas-servizz pubbliku impjegati ma’ La Poste** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 4545)* ([1]) . . . . . . 16

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Kunsill**

2008/205/KE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta’ Marzu 2008 li tadatta r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE dwar kard għall-parkeġġ għal persuni b’diżabbiltà, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta’ l-Estonja, ir-Repubblika ta’ Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta’ l-Ungerija, ir-Repubblika ta’ Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka** . . . . . . 43

---

III *Atti adottati skond it-Trattat ta’ l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TA’ L-UE

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/206/JHA tat-3 ta’ Marzu 2008 dwar id-definizzjoni ta’ 1-benzylpiperazine (BZP) bħala droga psikoattiva ġdida li għandha tiġi suġġetta għal miżuri ta’ kontroll u dispożizzjonijiet kriminali** . . . . . . 45

MT

([1]) Test b’relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 208/2008

### tas-6 ta' Marzu 2008

### li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-7 ta' Marzu 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Marzu 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

[1] ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tas-6 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | JO | 72,2 |
| | MA | 56,3 |
| | TN | 120,5 |
| | TR | 90,9 |
| | ZZ | 85,0 |
| 0707 00 05 | EG | 178,8 |
| | TR | 199,4 |
| | ZZ | 189,1 |
| 0709 90 70 | MA | 98,7 |
| | TR | 156,2 |
| | ZZ | 127,5 |
| 0709 90 80 | EG | 238,6 |
| | ZZ | 238,6 |
| 0805 10 20 | EG | 44,7 |
| | IL | 55,5 |
| | MA | 56,9 |
| | TN | 50,6 |
| | TR | 87,7 |
| | ZZ | 59,1 |
| 0805 50 10 | EG | 95,9 |
| | IL | 110,2 |
| | TR | 126,9 |
| | ZZ | 111,0 |
| 0808 10 80 | AR | 97,3 |
| | CA | 73,8 |
| | CN | 92,5 |
| | MK | 42,4 |
| | US | 107,1 |
| | UY | 89,9 |
| | ZZ | 83,8 |
| 0808 20 50 | AR | 78,8 |
| | CL | 81,3 |
| | CN | 58,4 |
| | US | 123,2 |
| | ZA | 95,0 |
| | ZZ | 87,3 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 209/2008

## tas-6 ta' Marzu 2008

## rigward l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid għas-*Saccharomyces cerevisiae* (Biosaf Sc 47) bħala addittiv fl-għalf

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf ta' l-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali u l-bażi u l-proċeduri biex tingħata din l-awtorizzazzjoni.

(2) Skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni kif stipulat fl-Anness. Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa mill-Artikolu 7(3) ta' dan ir-Regolament.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni *Saccharomyces cerevisiae* (NCYC Sc 47) (Biosaf SC 47) bħala addittiv fl-għalf għall-ħnieżer għat-tismin, biex jiġu kklassifikati fil-kategorija ta' addittivi "addittivi żooteknIċi".

(4) L-użu tal-preparazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* NCYC Sc 47 kien awtorizzat għall-baqar tal-ħalib bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1811/2005 ([2]), għall-ifrat għat-tismin bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 316/2003 ([3]), għall-ħnejjes (miftuma) bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2148/2004 ([4]), għall-ħnieżer nisa bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1288/2004 ([5]), għall-fniek għat-tismin bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 600/2005 ([6]), għaż-żwiemel bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 186/2007 ([7]) u għall-mogħoż tal-ħalib u nagħaġ tal-ħalib bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 188/2007 ([8]), għall-ħrief għat-tismin bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1447/2006 ([9]).

(5) Ġiet sottomessa *data* ġdida bħala appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-ħnieżer għat-tismin. L-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza fl-Ikel (l-Awtorità) tikkonkludi fl-opinjoni tagħha tat-22 ta' Novembru 2007 li s-sikurezza ta' *Saccharomyces cerevisiae* (Biosaf Sc 47) għall-konsumatur, l-utent u l-ambjent diġà kienet stabbilita bl-opinjonijiet preċedenti tagħha ([10]). Tikkonkludi ulterjorment li l-użu tal-preparazzjoni ma jippreżentax riskju għal din il-kategorija ta' annimali addizzjonali u li l-użu ta' din il-preparazzzjoni jista' jtejjeb il-parametri ta' rendiment fil-ħnieżer għat-tismin. L-Awtorità ma tqisx li hemm il-ħtieġa għal rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi ta' l-addittiv ta' l-għalf fl-għalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(6) L-evalwazzjoni ta' din il-preparazzjoni turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).

([2]) ĠU L 291, 5.11.2005, p. 12.

([3]) ĠU L 46, 20.2.2003, p. 15.

([4]) ĠU L 370, 17.12.2004, p. 24. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1980/2005 (ĠU L 318, 6.12.2005, p. 3).

([5]) ĠU L 243, 15.7.2004, p. 10. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1812/2005 (ĠU L 291, 5.11.2005, p. 18).

([6]) ĠU L 99, 19.4.2005, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 496/2007 (ĠU L 117, 5.5.2007, p. 9).

([7]) ĠU L 63, 1.3.2007, p. 6.

([8]) ĠU L 57, 24.2.2007, p. 3.

([9]) ĠU L 271, 30.9.2006, p. 28.

([10]) Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Addittivi u l-Prodotti jew Sustanzi użati fl-Għalf (FEEDAP) fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea dwar is-sikurezza u l-effikaċja tal-Biosaf Sc 47 (*Saccharomyces cerevisiae*) bħala addittiv fl-għalf għall-ħnieżer għat-tismin. *Il-Ġurnal EFSA* (2007) 585, 1-9.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "stabilizzanti għall-batterja li tinsab fil-musrana", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment ta' l-annimali suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Marzu 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

| Numru ta' identifikazzjoni ta' l-addittiv | Isem id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni | Addittiv (Isem kummerċjali) | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku. | Speċi jew kategorija ta' l-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | CFU/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 % | | | |
| **Kategorija ta' addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: stabilizzanti għall-batterja li tinsab fil-musrana.** | | | | | | | | | |
| 4b1702 | Société Industrielle Lesaffre | *Saccharomyces cerevisiae* NCYC Sc 47 (Biosaf Sc 47) | Kompożizzjoni ta' l-addittiv: Preparazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* NCYC Sc 47 li fiha minimu ta' $5 \times 10^9$ CFU/g<br>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva: *Saccharomyces cerevisiae* NCYC Sc 47<br>Metodi Analitiċi ([1])<br>Metodu pour plate bl-użu ta' agar ta' l-estratt ta' ħmira bil-chloramphenicol bbażat fuq ISO 7954<br>Reazzjoni katina polumerase (PCR) | Ħnieżer għat-tismin | — | $1{,}25 \times 10^9$ | $1{,}00 \times 10^{10}$ | Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-addittiv u t-taħlita minn qabel, indika t-temperatura li fiha għandhom jinħażnu, kemm jistgħu jdumu maħżuna u l-istabbilità għall-pelleting. | 27 ta' Marzu 2018 |

([1]) Dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju: www.irmm.jrc.be/crl-feed-additives

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/39/KE

**tas-6 ta' Marzu 2008**

**li temenda d-Direttiva 2002/72/KE dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/72/KE ([2]) hija Direttiva speċifika skond it-tifsira tar-Regolament ta' qafas (KE) Nru 1935/2004 u tarmonizza r-regoli dwar l-awtorizzazzjoni tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel.

(2) Id-Direttiva 2002/72/KE tistabbilixxi lista ta' sustanzi awtorizzati għall-manifattura ta' dawn il-materjali u l-oġġetti, b'mod partikolari addittivi u monomeri, ir-restrizzjonijiet fuq l-użu tagħhom, kif ukoll regoli dwar l-ittikkettjar u l-informazzjoni li għandha tingħata lill-konsumaturi jew lill-industrija ta' l-ikel dwar l-użu korrett ta' dawn il-materjali u l-oġġetti.

(3) Il-lista kurrenti ta' addittivi li tinsab fid-Direttiva 2002/72/KE mhijiex waħda kompluta minħabba li ma fihiex is-sustanzi kollha li bħalissa huma aċċettati fi Stat Membru wieħed jew aktar.

(4) Skond l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/72/KE kif inhi bħalissa, il-lista ta' addittivi titqies li mhijiex waħda kompluta sakemm il-Kummissjoni tiddeċiedi, skond l-Artikolu 4a, li saret lista Komunitarja pożittiva ta' addittivi awtorizzati.

(5) Għal dawk l-addittivi li bħalissa huma permessi fl-Istati Membri, il-limitu ta' żmien għat-tressiq ta' informazzjoni għall-evalwazzjoni tas-sikurezza tagħhom mill-Awtorità Ewropea tas-Sikurezza Alimentari (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") bil-ħsieb li jiġu inklużi fil-lista Komunitarja, skada fil-31 ta' Diċembru 2006. Għalhekk, id-data ta' meta l-lista Komunitarja ta' addittivi ssir lista pożittiva issa tista' tiġi stabbilita. Jekk jitqies iż-żmien li l-Awtorità se teħtieġ biex tevalwa l-applikazzjonijiet validi kollha mressqa fil-ħin, din id-data għandha tkun Jannar 2010.

(6) Jixraq ukoll li jiġi ċċarat ir-rwol tal-lista proviżorja msemmija fl-Artikolu 4a (4) u (5) tad-Direttiva 2002/72/KE kif inhi bħalissa u kif se tiġi aġġornata. Il-lista proviżorja fiha dawk l-addittivi li għalihom ngħatat l-informazzjoni meħtieġa fil-ħin u skond ir-rekwiżiti ta' l-Awtorità, iżda fejn għadha ma ttieħdet ebda deċiżjoni dwar l-inklużjoni tagħhom fil-lista pożittiva.

(7) Din il-lista proviżorja tagħti tagħrif lill-pubbliku dwar l-addittivi li qed jiġu evalwati fid-dawl ta' l-inklużjoni possibbli tagħhom fil-lista Komunitarja ta' addittivi. Billi mhuwiex possibbli jkun magħruf jekk l-evalwazzjonijiet għall-addittivi kollha inklużi fil-lista proviżorja humiex se jitlestew sad-data meta l-lista ta' l-addittivi ssir lista pożittiva, għandu jkun possibbli li dawk l-addittivi jkomplu jiġu użati, skond il-liġi nazzjonali, sakemm titlesta l-evalwazzjoni tagħhom u tittieħed deċiżjoni dwar l-inklużjoni tagħhom fil-lista pożittiva ta' additivi.

(8) Meta addittiv inkluż fil-lista proviżorja jiddaħħal fil-lista Komunitarja ta' addittivi jew meta jiġi deċiż li mhux se jiġi inkluż fil-lista Komunitarja, dak l-addittiv għandu jitneħħa mil-lista proviżorja ta' addittivi.

(9) Jekk matul l-eżami ta' l-informazzjoni dwar addittiv inkluż fil-lista proviżorja, l-Awtorità titlob għal aktar informazzjoni, dak l-addittiv għandu jinżamm fil-lista proviżorja sakemm tittieħed deċiżjoni dwaru, kemm-il darba l-informazzjoni tintbagħat fil-limiti ta' żmien speċifikati mill-Awtorità.

([1]) ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.
([2]) ĠU L 220, 15.8.2002, p. 18. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/19/KE (ĠU L 97, 12.4.2007, p. 50).

(10) Fuq il-bażi ta' informazzjoni ġdida marbuta ma' l-evalwazzjonijiet tar-riskji ta' monomeri u addittivi evalwati mill-Awtorità ([3]), ċerti addittivi aċċettati fil-livell nazzjonali kif ukoll monomeri u addittivi ġodda għandhom jiġu inklużi fil-listi Komunitarji rispettivi ta' sustanzi awtorizzati. Għal sustanzi oħrajn, ir-restrizzjonijiet u/jew l-ispeċifikazzjonijiet diġà stabbiliti fil-livell Komunitarju għandhom jiġu emendati fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni ġdida. Għalhekk, l-Annessi II, III, IVa, V u VI tad-Direttiva 2002/72/KE għandhom jiġu emendati skond dan.

(11) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/79/KE ([4]) introduċiet fil-lista ta' l-addittivi l-addittiv bin-Numru ta' Referenza 30340 u bl-isem *12-(Acetoxy)stearic acid, 2,3-bis(acetoxy)-propyl ester* u bin-numru CAS 330198-91-9. L-isem u n-numru CAS introdotti f'dik id-Direttiva jirriflettu biss il-komponent ewlieni ta' l-applikazzjoni. Madankollu, l-opinjoni mogħtija mill-Awtorità tkopri t-taħlita ta' sustanzi msemmija fl-applikazzjoni u mhux biss il-komponent ewlieni tiegħu. It-taħlita ta' sustanzi issa hija rreġistrata fir-reġistru CAS bin-numru CAS 736150-63-3 u bl-isem *Glycerides, castor-oil mono-, hydrogenated, acetates*. Għal din ir-raġuni, issa jixraq li jinbidlu l-isem u n-numru CAS sabiex tiġi aġġornata l-awtorizzazzjoni lis-sustanzi kollha fit-taħlita. Billi jinbidel l-isem, se jingħata n-Numru ġdid ta' Referenza 55910. Billi s-sustanza issa hija koperta bin-Numru ta' Referenza 55910, in-Numru ta' Referenza 30340 għandu jitħassar.

(12) Bħala konsegwenza, id-Direttiva 2002/72/KE għandha tiġi aġġornata biex titqies l-informazzjoni l-ġdida marbuta ma' l-evalwazzjoni tar-riskju ta' sustanzi evalwati mill-Awtorità, biex tiġi stabbilita d-data meta l-lista ta' addittivi ssir lista pożittiva u biex jiġi ċċarat ir-rwol tal-lista proviżorja ta' addittivi.

(13) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2002/72/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Lista Komunitarja ta' addittivi li jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' materjali u oġġetti tal-plastik, flimkien ma' restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet dwar l-użu tagħhom, hija stipulata fl-Anness III.

Sa l-31 ta' Diċembru 2009, addittivi li mhux inklużi fil-lista Komunitarja ta' addittivi jistgħu jkomplu jintużaw soġġetti għal-liġi nazzjonali.

Mill-1 ta' Jannar 2010, dawk l-addittivi biss li jkunu inklużi fil-lista ta' l-addittivi jistgħu jintużaw fil-manifattura tal-materjali u ta' l-oġġetti tal-plastik (lista pożittiva)."

(2) L-Artikolu 4a huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafi 3 u 4 jinbidlu b'dan li ġej:

"3. Lista proviżorja ta' addittivi li qed jiġu evalwati mill-Awtorità għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-11 ta' April 2008. Din għandha tinżamm aġġornata.

4. B'deroga mit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1), l-addittivi li mhux inklużi fil-lista Komunitarja msemmija f'dak l-Artikolu jistgħu jkomplu jintużaw soġġetti għal-liġi nazzjonali wara l-1 ta' Jannar 2010 sakemm jibqgħu inklużi fil-lista proviżorja."

(b) Jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Addittiv għandu jitneħħa mil-lista proviżorja:

(a) meta jiġi inkluż fil-lista Komunitarja ta' addittivi; jew

(b) meta tittieħed deċiżjoni mill-Kummissjoni biex ma jiġix inkluż fil-lista Komunitarja ta' addittivi; jew

(c) jekk matul l-eżaminazzjoni ta' l-informazzjoni, l-Awtorità titlob tagħrif addizzjonali u dak it-tagħrif ma jintbagħatx fil-limiti ta' żmien speċifikati mill-Awtorità."

(3) L-Annessi II, III, IVa, V u VI jiġu emendati skond l-Annessi I, II, III, IV u V ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux iktar tard mis-7 ta' Marzu 2009, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

([3]) Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2007) 555 sa 563, 1-32.
Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2007) 516 sa 518, 1-12.
Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2007) 452 sa 454, 1-10.
Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2006) 418 sa 427, 1-25.

([4]) ĠU L 302, 19.11.2005, p. 35.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet b'tali mod li:

(a) jippermettu l-kummerċ u l-użu tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel u li jikkonformaw mad-Direttiva 2002/72/KE, kif emendata permezz ta' din id-Direttiva, mis-7 ta' Marzu 2009;

(b) jipprojbixxu l-manifattura u l-importazzjoni fil-Komunità ta' materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel u li ma jikkonformawx mad-Direttiva 2002/72/KE, kif emendata permezz ta' din id-Direttiva, mis-7 ta' Marzu 2010.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Marzu 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

It-Taqsima A ta' l-Anness II tad-Direttiva 2002/72/KE hu emendat kif ġej:

(a) il-monomeri u sustanzi oħra tal-bidu li ġejjin jiddaħħlu fl-ordni numeriku xieraq:

| Nru ta' Ref. | Nru CAS | Isem | Restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet |
|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) |
| "15404 | 000652-67-5 | 1,4:3,6-Dianhydrosorbitol | SML = 5 mg/kg. Għall-użu biss bħala ko-monomeru fil-poly(ethylene-co-isosorbide terephthalate) |
| 19180 | 000099-63-8 | Isophthalic acid dichloride | SML(T) = 5 mg/kg (43) (espress bħala aċtu isoftaliku) |
| 26305 | 000078-08-0 | Vinyltriethoxysilane | SML = 0.05 mg/kg. Biex jintuża biss bħala aġent għat-trattament ta' l-uċuħ" |

(b) għall-monomeri u sustanzi tal-bidu li ġejjin, il-kontenut tal-kolonna "Restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet" jinbidel b'dan li ġej:

| Nru ta' Ref. | Nru CAS | Isem | Restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet |
|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) |
| "19150 | 000121-91-5 | Isophthalic acid | SML(T) = 5 mg/kg (43)" |

*ANNESS II*

L-Anness III tad-Direttiva 2002/72/KE hu emendat kif ġej:

(1) It-Taqsima A hija emendata kif ġej:

(a) L-addittivi li ġejjin jiddaħħlu fl-ordni numeriku xieraq:

| Nru ta' Ref. | Nru CAS | Isem | Restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet |
|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) |
| "38875 | 002162-74-5 | Bis(2,6-diisopropylphenyl) carbodiimide | SML = 0,05 mg/kg. Għall-użu wara saff ta' PET |
| 45703 | 491589-22-1 | cis-1,2-Cyclohexanedicarboxylic acid, salts tal-kalċju | SML = 5 mg/kg |
| 48960 | — | 9,10-dihydroxy stearic acid u l-oligomeri tiegħu | SML = 5 mg/kg |
| 55910 | 736150-63-3 | Glycerides, castor-oil mono-, hydrogenated, acetates | |
| 60025 | — | Hydrogenated homopolymers u/jew kopolimeri magħmula minn 1-decene u/jew 1-dodecene u/jew 1-octene | F'konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Anness V. Ma għandhomx jintużaw għal artikoli li jkunu f'kuntatt ma' ikel xaħmi. |
| 62280 | 009044-17-1 | Isobutylene-butene copolymer | |
| 70480 | 000111-06-8 | Palmitic acid, butyl ester | |
| 76463 | — | Polyacrylic acid, salts | SML(T) = 6 mg/kg (36) (għal aċtu akriliku) |
| 76723 | 167883-16-1 | Polydimethylsiloxane, 3-aminopropyl terminated, polimeru bi dicyclohexylmethane-4,4′-diisocyanate | F'konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Anness V. |
| 76725 | 661476-41-1 | Polydimethylsiloxane, 3-aminopropyl terminated, polimeru bi 1-isocyanato-3-isocyanatomethyl-3,5,5-trimethylcyclohexane | F'konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Anness V. |
| 77732 | — | Polyethylene glycol (EO = 1-30, tipikament 5) eteru ta' butyl 2-cyano 3-(4-hydroxy-3-methoxyphenyl) acrylate | SML = 0,05 mg/kg. Għall-użu fil-PET |
| 77733 | — | Polyethyleneglycol (EO = 1-30, tipikament 5) eteru ta' butyl-2-cyano-3-(4-hydroxyphenyl) acrylate | SML = 0,05 mg/kg. Għall-użu fil-PET |
| 77897 | — | Polyethyleneglycol (EO = 1-50) monoalkylether (lineari u bil-fergħat, $C_8$-$C_{20}$) sulphate, salts | SML = 5 mg/kg |
| 89120 | 000123-95-5 | Aċidu steariku, butyl ester | |
| 95858 | — | Waxes, paraffiniċi, raffinati, derivati minn feedstocks ta' l-idrokarburi bbażati fuq iż-żejt jew sintetiċi | SML = 0,05 mg/kg u f'konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Anness V. Ma għandhomx jintużaw għal artikoli li jkunu f'kuntatt ma' ikel xaħmi." |

(b) għall-addittivi li ġejjin, il-kontenut tal-kolonna “Restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet” tat-tabella jinbidel b’dan li ġej:

| Nru ta’ Ref. | Nru CAS | Isem | Restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet |
|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) |
| “39815 | 182121-12-6 | 9,9-Bis(methoxymethyl)fluorene | SML = 0,05 mg/kg |
| 66755 | 002682-20-4 | 2-Methyl-4-isothiazolin-3-one | SML = 0,5 mg/kg. Għal-użu biss f’dispersjonijiet u emulsjonijiet polimeri fl-ilma u f’konċentrazzjonijiet li ma jirriżultawx f’effett anti-mikrobjali fil-wiċċ tal-polimeru jew fuq l-ikel innifsu.” |

(c) l-addittivi li ġejjin jithassru:

| Nru ta’ Ref. | Nru CAS | Isem | Restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet |
|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) |
| “30340 | 330198-91-9 | 12-(Acetoxy)stearic acid, 2,3-bis (acetoxy)propyl ester” | |

(2) It-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) l-addittivi li ġejjin jiddaħħlu fl-ordni numeriku xieraq:

| Nru ta’ Ref. | Nru CAS | Isem | Restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet |
|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) |
| “34130 | — | Alkyl, lineari b’għadd diviżibbli fi tnejn ta’ atomi tal-karbon ($C_{12}$-$C_{20}$) dimethylamines | SML = 30 mg/kg |
| 53670 | 032509-66-3 | Ethylene glycol bis[3,3-bis(3-tert-butyl-4-hydroxyphenyl)butyrate] | SML = 6 mg/kg” |

(b) għall-addittivi li ġejjin, il-kontenut tal-kolonna “Restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet” tat-tabella jinbidel b’dan li ġej:

| Nru ta’ Ref. | Nru CAS | Isem | Restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet |
|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) |
| “72081/10 | — | Reżini tal-Petroleum Hydrocarbon (idroġenati) | F’konformità ma’ l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Anness V” |

*ANNESS III*

Fl-Anness IVa tad-Direttiva 2002/72/KE is-sustanzi li ġejjin jiddaħħlu fl-ordni numerika xierqa:

| Nru ta' Ref. | Nru CAS | Isem |
|---|---|---|
| "34130 | — | Alkyl, lineari b'għadd diviżibbli fi tnejn ta' atomi tal-karbon (C12-C20) dimethylamines |
| 39815 | 182121-12-6 | 9,9-Bis(methoxymethyl)fluorene |
| 53670 | 032509-66-3 | Ethylene glycol bis[3,3-bis(3-tert-butyl-4-hydroxyphenyl)butyrate]" |

*ANNESS IV*

Fil-Parti B ta' l-Anness V tad-Direttiva 2002/72/KE jiddaħħlu l-ispeċifikazzjonijiet ġodda li ġejjin, fl-ordni numerika xierqa:

| Nru ta' Ref. | Speċifikazzjonijiet oħra |
|---|---|
| "60025 | Speċifikazzjonijiet:<br>— Viskożità minima (f'100 °C) = 3,8 cSt<br>— Mw Medja > 450 |
| 76723 | Speċifikazzjonijiet:<br>Il-frazzjoni bil-piż molekulari taħt l-1 000 ma għandhiex taqbeż 1,5 % w/w |
| 76725 | Speċifikazzjonijiet:<br>Il-frazzjoni bil-piż molekulari taħt l-1 000 ma għandhiex taqbeż 1 % w/w |
| 95858 | Speċifikazzjonijiet:<br>— Piż molekulari medju mhux inqas minn 350<br>— Viskożità minima f'100 °C = 2,5 cSt<br>— Kontenut ta' idrokarburi b'għadd ta' atomi tal-karbon inqas minn 25, mhux iktar minn 40 % (w/w)." |

*ANNESS V*

L-Anness VI tad-Direttiva 2002/72/KE hu emendat kif ġej:

(1) In-Nota (36) tinbidel b'dan li ġej:

"(36) SML(T) f'dan il-każ speċifiku tfisser li r-restrizzjoni ma għandhiex tinqabeż mis-somma tal-livelli ta' migrazzjoni tas-sustanzi li ġejjin imsemmija bħala Nri ta' Referenza 10690, 10750, 10780, 10810, 10840, 11470, 11590, 11680, 11710, 11830, 11890, 11980, 31500 u 76463."

(2) Tiżdied in-Nota (43):

"(43) SML(T) f'dan il-każ speċifiku tfisser li r-restrizzjoni ma għandhiex tinqabeż mis-somma tal-livelli ta' migrazzjoni tas-sustanzi li ġejjin imsemmija bħala Nri ta' Referenza: 19150 u 19180."

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-28 ta' Frar 2008**

**li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 168/2007 fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' Qafas Pluriennali għall-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2007-2012**

(2008/203/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Waqt li jinżammu preżenti l-objettivi tal-fundament ta' l-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija") u sabiex l-Aġenzija twettaq id-dmirijiet tagħha tajjeb, l-oqsma tematiċi preċiżi ta' l-attività tagħha għandhom jiġu determinati minn Qafas Pluriennali li jkopri ħames snin kif stipulat fl-Artikolu 5 (2) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.

(2) Il-Qafas għandu jinkludi l-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata fost l-oqsma tematiċi ta' l-attività ta' l-Aġenzija.

(3) Il-Qafas għandu jkun konsistenti mal-prijoritajiet ta' l-Unjoni, filwaqt li jittieħed kont dovut ta' l-orjentamenti li jirriżultaw mir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.

(4) Il-Qafas għandu jagħti l-importanza dovuta lir-riżorsi finanzjarji u umani ta' l-Aġenzija u għandu jiġi implimentat biss fl-ambitu tal-liġi Komunitarja.

(5) Il-Qafas għandu jinkludi dispożizzjonijiet maħsuba sabiex ikun hemm komplementarjetà mar-responsabbiltajiet ta' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Komunità u ta' l-Unjoni, u kif ukoll mal-Kunsill ta' l-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra attivi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. L-aktar aġenziji u korpi relevanti tal-Komunità fir-rigward ta' dan il-Qafas Pluriennali huma l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ([2]) u l-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-organi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, ([3]) u l-Ombudsman Ewropew, li l-għanijiet tagħhom għandhom għalhekk jittieħdu in konsiderazzjoni.

(6) Il-Kummissjoni, filwaqt li kienet qed tħejji l-proposta tagħha, ikkonsultat mal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Aġenzija waqt il-laqgħa tiegħu tat-12-13 ta' Lulju 2007 u rċeviet kummenti miktuba permezz ta' ittra tal-25 ta' Lulju 2007.

([1]) ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

([3]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

(7) Dan il-Qafas jiddefinixxi l-oqsma tematiċi preċiżi tal-ħidma ta' l-Aġenzija, fejn diversi kompiti permanenti ta' l-Aġenzija huma determinati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007, *inter alia*, il-kompitu li titqajjem il-kuxjenza tal-pubbliku ġenerali dwar id-drittijiet fundamentali tagħhom u dwar it-tixrid attiv ta' l-informazzjoni dwar il-ħidma ta' l-Aġenzija.

(8) L-Aġenzija, fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, sakemm ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħha jkunu jippermettu hekk, tista' taħdem barra mill-oqsma tematiċi determinati mill-Qafas Pluriennali, skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Qafas Pluriennali**

1. Huwa b'dan stabbilit Qafas Pluriennali għall-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija") għall-perijodu 2007-2012.

2. L-Aġenzija għandha, skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 twettaq il-kompiti definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 fl-ambitu ta' l-oqsma tematiċi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Oqsma tematiċi**

L-oqsma tematiċi għandhom ikunu s-segwenti:

(a) ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata;

(b) id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali jew immirata lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi u kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn ir-raġunijiet (diskriminazzjoni multipla);

(c) il-kumpens lill-vittmi;

(d) id-drittijiet tat-tfal inkluża l-protezzjoni tat-tfal;

(e) l-asil, l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni ta' l-immigranti;

(f) il-viżi u l-kontroll tal-fruntieri;

(g) il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini ta' l-Unjoni fil-funzjonament demokratiku ta' l-Unjoni;

(h) is-soċjetà ta' l-informazzjoni u, b'mod partikolari r-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali;

(i) l-aċċess għal ġustizzja effiċjenti u indipendenti.

*Artikolu 3*

**Komplementarjetà u l-koperazzjoni ma' korpi oħra**

1. L-Aġenzija għandha tiżgura koperazzjoni u koordinazzjoni xierqa ma' korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Komunità, l-Istati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali u s-soċjetà ċivili, skond it-termini ta' l-Artikoli 7, 8 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007, għall-implimentazzjoni ta' dan il-Qafas.

2. B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tikkoordina l-attivitajiet tagħha ma' dawk tal-Kunsill ta' l-Ewropa skond it-termini ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 u l-ftehim imsemmi f'dak l-Artikolu.

3. L-Aġenzija għandha tittratta l-kwistjonijiet li jirrigwardaw id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sessi biss bħala parti mix-xogħol tagħha, li għandu jsir fuq kwistjonijiet ġenerali ta' diskriminazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 punt (b), u safejn hu relevanti għaliha; għandha tikkunsidra li l-għanijiet globali ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 għandhom ikunu li dan jikkontribwixxi għal u jsaħħaħ il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluża l-integrazzjoni tas-sessi fil-politika kollha tal-Komunità u l-politika nazzjonali li tirriżulta minnhom, u għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sessi u li jqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' l-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi billi jipprovdi għajnuna teknika lill-istituzzjonijiet Komunitarji, b'mod partikolari lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri.

4. L-Aġenzija għandha twettaq id-dmirijiet tagħha fil-qasam ta' kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem relatati mas-soċjetà ta' l-informazzjoni mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data sabiex jiġi assigurat li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni naturali, u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-privatezza, jiġu rispettati mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità skond id-dmirijiet u l-poteri tiegħu stipulati fl-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Frar 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. MATE

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' l-10 ta' Ottubru 2007**

**rigward l-għajnuna mill-Istat mogħtija minn Franza f'dak li jikkonċerna r-riforma tal-metodu ta' finanzjament għall-pensjonijiet għall-uffiċjali tas-servizz pubbliku impjegati ma' La Poste**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 4545)*

**(Il-verżjoni Franċiża hija l-unika waħda awtentika)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/204/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-ewwel sentenza tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 88 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u partikolarment il-punt a) tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 62 tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom skond l-Artikoli msemmija [1], u wara li kkunsidrat dawn l-osservazzjonijiet,

Billi:

### 1. **PROĊEDURA**

(1) Fil-21 ta' Diċembru 2005, Franza ppreżentat lill-Kummissjoni ħarsa ġenerali ta' l-abbozz għal riforma tal-metodu ta' finanzjament għall-pensjonijiet ta' l-uffiċjali tas-servizz pubbliku impjegati ma' La Poste.

(2) Fit-2 ta' Marzu 2006, Franza bagħtet abbozz ta' notifika tar-riforma permezz ta' email. Laqgħa ta' prenotifikazzjoni saret fid-29 ta' Marzu 2006, li matulha l-Kummissjoni enfasizzat li l-abbozz tan-notifika kien pjuttost inkomplet u indikat l-elementi li kienu neqsin. Fis-7 ta' Aril 2006, Franza pprovdiet lill-Kummissjoni parti mill-informazzjoni nieqsa.

(3) Fit-23 ta' Ġunju 2006, Franza nnotifikat lill-Kummissjoni bir-riforma tal-metodu ta' finanzjament għall-irtirar ta' uffiċjali tas-servizz pubbliku impjegati ma' La Poste ("ir-Riforma") skond il-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 88, tat-Trattat, fejn indikat li hi tikkunsidra li r-riforma deskritta permezz tan-notifika ma tinkludi l-ebda element ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat.

(4) Fl-20 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni bagħtet talba ta' informazzjoni komplementari lill-Franza, bbażata kemm fuq ir-riforma notifikata u kemm fuq miżuri eventwali ta' kumpens li minnhom La Poste setgħet tibbenefika fil-passat. Franza bagħtet ir-risposta tagħha fis-17 ta' Awwissu 2006.

(5) Permezz ta' ittra tat-12 ta' Ottubru 2006, il-Kummissjoni infurmat lil Franza bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura stipulata fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 88 tat-Trattat fir-rigward tal-miżuri marbuta mar-riforma tal-metodu ta' finanzjament għall-irtirar ta' uffiċjali tas-servizz pubbliku impjegati ma' La Poste.

(6) Franza ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha permezz ta' ittra ta' l-14 ta' Diċembru 2006.

(7) Id-deċiżjoni ta-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-miżuri in kwistjoni.

[1] ĠU C 296, 6.12.2006, p. 6.

[2] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 1.

(8) Il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet minn […] (*), li kienu ntbagħtu lil Franza. Il-kummenti ta' Franza dwar dan is-suġġett waslu fis-27 ta' Frar 2007.

(9) Il-Kummissjoni bagħtet mistoqsijiet komplementari lil Franza fit-12 ta' Marzu 2007 u fit-30 ta' Mejju 2007. Ir-risposti ta' Franza waslu fis-27 ta' April 2007 u fit-8 ta' Ġunju 2007 rispettivament.

## 2. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-MIŻURI

### 2.1. Il-kuntest tal-liberalizzazzjoni tas-settur tal-posta

(10) L-għan tal-politika Komunitarja fis-settur tal-posta huwa li jinkiseb is-suq intern tas-servizzi postali u li jiġi garantit, permezz ta' qafas regolamentari adattat, li ċ-ċittadini kollha tal-Komunità jkunu jistgħu jibbenefikaw minn servizzi postali effikaċi, affidabbli u ta' kwalità tajba, u dan bi prezzijiet xierqa, fit-territorju kollu tagħha. Minħabba l-importanza li għandhom is-servizzi postali kemm għall-prosperità ekonomika u kemm għall-koeżjoni u għal benesseri soċjali tal-Komunità, dan huwa qasam ta' azzjoni prijoritarju tal-Komunità.

(11) Dawn l-għanijiet Komunitarji fil-qasam tas-servizzi postali ġew inklużi fid-liġi Komunitarja permezz ta' direttiva qafas dwar is-servizzi postali, id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 rigward ir-regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib tal-kwalità tas-servizz ([3]), li stabbiliet qafas regolamentari komplet tas-servizzi postali Komunitarji.

(12) Id-Direttiva 97/67/KE, kif emendata mid-Direttiva 2002/39/KE ([4]), tiddefinixxi l-istadji li ġejjin tal-proċess tal-bidu progressiv u kkontrollat tas-suq u tillimita s-setturi tas-servizzi li jistgħu jiġu riservati. Skond id-Direttiva 97/67/KE, l-Istati Membri jistgħu jeskludu l-konsenji ta' korrispondenza mill-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni:

a) li l-piż tagħhom huwa inferjuri għal 100 gramma u li l-prezz tagħhom huwa tliet darbiet inferjuri għat-tariffa pubblika, mill-1 ta' Jannar 2003 (jiġifieri madwar 9 % tas-suq miftuħ għall-kompetizzjoni);

b) li l-piż tagħhom huwa inferjuri għal 50 gramma u li l-prezz tagħhom huwa darbtejn u nofs inferjuri għat-tariffa pubblika, mill-1 ta' Jannar 2006 (jiġifieri madwar 7 % supplementari tas-suq miftuħ għall-kompetizzjoni).

(13) F'Ottubru 2006, il-Kummissjoni fformolat proposta ([5]) biex tiftaħ kompletament is-swieq postali tal-Komunità għall-kompetizzjoni sa l-2009, skond l-iskadenza indikata fid-Direttiva 97/67/KE.

(14) Fi Franza, is-servizz postali universali huwa definit bħala grupp li jiġbor lis-settur riservat (konsenji ta' korrispondenza nazzjonali u internazzjonali, inkluż posta diretta, bil-limiti ta' piż/prezz stipulati mid-Direttiva 97/67/KE) u, fuq il-pjanijiet nazzjonali u internazzjonali, offerta ta' servizz nazzjonali u internazzjonali ta' konsenja ta' pakketti b'piż inferjuri għal jew ugwali għal 20 kg, it-total tal-ġurnali u s-servizzi ta' posta rreġistrata, ta' valur iddikjarat u ta' konsenja mill-ġdid.

(15) Karatteristika tas-suq Franċiż hija l-importanza tal-kompetizzjoni fil-bidu (bħal "*worksharing*"). F'attivitajiet li qed jibdew, il-kompetizzjoni tiżviluppa, partikolarment minħabba azzjonijiet immexxija minn operaturi tas-settur tal-gazzetti, kemm fuq attivitajiet ta' ittri mhux indirizzati u kemm ta' ittri indirizzati. Fil-konsenji kbar, l-operaturi lokali huma attivi fil-bliet kbar għal ittri ta' aktar minn 50 g. Fl-aħħarnett, il-posta *express* u l-pakketti ("*parcels*") huma swieq liberalizzati, li fuqhom jikkompetu operaturi internazzjonali u nazzjonali ([6]).

### 2.2. Il-benefiċjarju tal-miżuri

(16) Il-liġi Franċiża Nru 90-568 tat-2 ta' Lulju 1990 rigward l-organizzazzjoni tas-servizz pubbliku tal-posta u tat-telekomunikazzjoni (minn issa 'l quddiem "il-liġi ta' l-1990") biddlet id-direzzjoni ġenerali antika tat-telekomunikazzjoni bejn żewġ persuni ġuridiċi ta' dritt pubbliku: La Poste u France Telecom.

(17) Sa minn l-1 ta' Jannar 1991, il-posta hija operatur awtonomu tad-dritt pubbliku. Fil-qafas ta' pjan strateġiku ma' l-Istat, La Poste teżerċita l-attivitajiet tagħha fil-qasam ta' l-ittri, tal-pakketti *express*, ta' servizzi finanzjarji u l-pubbliku ġenerali.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali

([3]) ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14. Direttiva emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([4]) ĠU L 176, 5.7.2002, p. 21.

([5]) Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/67/KE rigward il-kisba tas-suq intern postali tal-Komunità (COM(2006) 594 tat-18 ta' Ottubru 2006).

([6]) L-istudju *"The Impact on Universal Service of the Full Market Accomplishment of the Postal Internal Market in 2009" – Annessi - Mejju 2006* – imwettaq għall-Kummissjoni.

(18) La Poste u l-fergħat tagħha jikkostitwixxu grupp pubbliku li jissodisfa, fil-kundizzjonijiet definiti mit-testi li jsostnu kull wieħed mil-oqsma ta' attività, missjonijiet ta' interess ekonomiku ġenerali u jeżerċita attivitajiet ta' kompetizzjoni.

(19) Fl-applikazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE, La Poste nħatret mil-liġi Nru 99-533 tal-25 ta' Ġunju 1999 ta' orjentament għat-tmexxija u l-iżvilupp sostenibbli tat-territorju bħala l-fornitur tas-servizz postali universali fi Franza. Din tassigura, fir-relazzjonijiet interni u internazzjonali, is-servizz pubbliku ta' konsenji ta' posta, li jinkludi s-servizz postali universali, u partikolarment is-servizz pubbliku ta' trasport u tad-distribuzzjoni tal-ġurnali li jibbenefika minn sistema speċifika stipulata mill-kodiċi tal-posta u tal-komunikazzjoni elettronika. Din tassigura wkoll kull servizz ieħor ta' ġbir, ta' għażla, ta' trasport u ta' distribuzzjoni ta' konsenji tal-posta, ta' kull forma ta' ittri, oġġetti u merkanzija. Din teżerċita l-attivitajiet finanzjarji tagħha skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu L. 518-25 tal-kodiċi monetarju u finanzjarju.

(20) Id-dħul ta' La Poste jinqasam kif ġej (sors: rapport ta' l-attività tal-grupp La Poste, 2005):

**TQASSIM TAD-DĦUL GĦAL KULL SETTUR TA' ATTIVITÀ**




| f'miljun ta' ewro | 2004 | 2005 |
|---|---|---|
| POSTA | 10 873 | 11 242 |
| EXPRESS | 2 387 | 2 534 |
| PAKKETTI | 1 097 | 1 155 |
| SERVIZZI FINANZJARJI | 4 292 | 4 366 |

(21) Il-klijentela ta' La Poste tinqasam bejn intrapriżi, li magħhom twettaq 90 % ta' l-attivitajiet tagħha ta' posta u pakketti/*express*, u l-klijienti individwali, li jirrappreżentaw l-10 % li baqa' tad-dħul minn dan ix-xogħol. Fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, is-sitwazzjoni hija bil-kontra, fejn il-klijenti individwali jirrappreżentaw 95 % tad-dħul nett bankarju.

(22) Il-persunal ta' La Poste għandhom żewġ stati differenti ta' impjieg:

i) l-uffiċjali, li huma parti mis-servizz pubbliku. Meta La Poste ngħatat personalità ġuridika permezz tal-liġi fl-1990 ma saritx modifika għall-istat tal-persunal ta' l-amministrazzjoni tal-posta li kienu jaħdmu ma' La Poste, minħabba li l-Gvern kien impenja ruħu li jżomm l-istat ta' uffiċjali tas-servizz pubbliku għal dawn l-uffiċjali ta' l-Istat impjegati ma' La Poste;

ii) l-impjegati tas-settur privat.

(23) Il-ħaddiema ta' La Poste tinqasam kif ġej (sors: rapport finanzjarju tal-grupp ta' La Poste, 2005):

| (ekwivalenti għal kull aġent/sena) | 31/12/2005 | 31/12/2004 |
|---|---|---|
| Uffiċjali tas-servizz pubbliku | 180 558 | 190 261 |
| Impjegati b'kuntratt | 122 847 | 119 025 |
| Total | 303 405 | 309 286 |

(24) Mill-1990, La Poste progressivament waqfet milli timpjega uffiċjali tas-servizz pubbliku u bdiet timpjega biss impjegati tas-settur privat. Fil-fatt, La Poste bdiet proċess gradwali ta' bidla fl-istat tal-persunal, fil-limiti imposti mir-rispett ta' l-istat ta' l-uffiċjali tas-servizz pubbliku u l-obbligi legali, billi bdiet timpjega impjegati tas-settur privat minflok l-uffiċjali tas-servizz pubbliku li kienu qed jirtiraw. Matul is-snin ta' wara, li ser ikunu karatterizzati min-numru kbir ta' uffiċjali li jirtiraw, La Poste tipprevedi li tkun tista' tkompli timpjega impjegati tas-servizz privat minflok dawn l-uffiċjali.

### 2.3. **Il-miżuri in kwistjoni**

#### 2.3.1. *Deskrizzjoni tal-metodu ta' finanzjament għall-pensjonijiet ta' l-uffiċjali tas-servizz pubbliku impjegati ma' La Poste qabel il-liġi ta' Diċembru 2006*

***Skema ta' pensjoni applikabbli għall-uffiċjali tas-servizz pubbliku***

(25) L-iskema ta' pensjoni applikabbli għall-uffiċjali tas-servizz pubbliku hija organizzata mill-kodiċi tal-pensjonijiet ċivili u militari ta' l-irtirar.

(26) Skond il-Qorti ta' l-Awdituri ([7]), din l-iskema tinkludi rata mis-salarju mnaqqsa għall-pensjoni (7,85 %) kif ukoll rata ta' kontribuzzjoni ta' min iħaddem imħallsa mill-istabbilimenti pubbliċi li jimpjegaw uffiċjali tas-servizz pubbliku impjegati magħhom (33 %). Min-naħa l-oħra, ġuridikament ma teżistix rata ta' kontribuzzjoni "ta' min iħaddem" għall-uffiċjali tas-servizz pubbliku. L-Istat huwa responsabbli għall-ispejjeż tal-pensjoni (wara li jiddaħħlu l-irċevuti li jiġu mit-tnaqqis tas-salarji); tqabbil ta' dawn l-ispejjez mis-somma tal-pagi mogħtija lill-impjegati madankollu tippermetti li tiġi kkalkulata r-rata ta' kontribuzzjoni "ta' min iħaddem" kwalifikata ta' spiss b'mod impliċitu ([8]). Għall-2003, skond il-valutazzjoni tal-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u l-Industrija, ir-rata ta' kontribuzzjoni impliċita li minnha huwa responsabbli l-Istat li jimpjega kienet titla' għal 51,9 %, li minnhom 44,7 % għal persunal ċivili u 91,8 % għal persunal tal-militar, jiġifieri, meta wieħed jitkellem dwar uffiċjali ċivili, rata ta' aktar minn tliet darbiet aktar minn dik li tirriżulta mir-regolamentazzjoni u mill-ftehim kollettiv applikabbli għas-salarji tas-settur privat ([9]).

***Skema bażika ta' rtirar għall-uffiċjali tas-servizz pubbliku ta' La Poste***

(27) L-uffiċjali tas-servizz pubbliku fis-servizz ma' La Poste huma parti mis-servizz pubbliku. Għalhekk, u skond l-Artikolu 20 tal-liġi Nru 83-634 tat-13 ta' Lulju 1983 li tagħti d-drittijiet u l-obbligi ta' l-uffiċjali tas-servizz pubbliku, dawn jaqgħu taħt l-iskema ta' l-irtirar ta' l-impjegati taċ-ċivil u militari ta' l-Istat, li hija organizzata mill-kodiċi tal-pensjonijiet ta' l-irtirar għaċ-ċivil u l-militar. L-uffiċjali tas-servizz pubbliku impjegati ma' La Poste ma jibbenefikaw minn ebda vantaġġ speċifiku fil-qasam ta' l-irtirar meta mqabbla ma' uffiċjali oħra mas-servizz pubbliku. Barra minn dan, La Poste ma tipparteċipa fl-eda skema speċjali ta' intrapriża jew ta' fergħa, b'differenza ta' l-operaturi pubbliċi l-oħra.

(28) Skond l-Artikolu 30 tal-liġi ta' l-1990 ([10]), l-Istat ġuridikament jiggarantixxi l-istat ta' uffiċjali tas-servizz pubbliku lil dawk impjegati ma' La Poste u jibqa' responsabbli li jħallas għall-pensjonijiet tagħhom. Il-ħlasijiet ta' rtirar mogħtija lill-uffiċjali tas-servizz pubbliku, inkluż dawk impjegati ma' La Poste ([11]), jiġu vvutati kull sena fil-liġi tal-finanzi.

(29) La Poste mhix responsabbli għad-deċiżjonijiet relattivi għall-iskema tal-pensjonijiet ta' l-uffiċjali tas-servizz pubbliku impjegati magħha. Din m'għandha l-ebda influwenza la fuq l-ammont ta' kontribuzzjonijiet imnaqqsa, u l-anqas fuq il-livell ta' ħlasijiet mogħtija.

(30) L-Artikolu 30 tal-liġi ta' 1990 jistipula li La Poste għandha tassigura l-ekwilibriju finanzjarju ta' l-iskema ta' sigurtà soċjali għall-parti ta' l-uffiċjali tas-servizz pubbliku impjegati magħha. Skond l-Artikolu msemmi, La Poste għalhekk għandha tkun responsabbli għall-finanzjament kollu tal-pensjonijiet mogħtija mill-Istat lill-uffiċjali tas-servizz pubbliku tagħha permezz tal-ħlas lura ta' l-ammonti mħallsa mill-Istat (wara tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet mogħtija mill-uffiċjali attivi):

([7]) Rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri, "*Il-pensjonijiet ta' l-uffiċjali tas-servizz pubbliku*", April 2003.

([8]) Skond il-Qorti ta' l-Awdituri, din ir-rata impliċita tkun ukoll mhux kompleta minħabba li ma tikkunsidrax l-ispejjeż ta' ġestjoni ta' l-iskema.

([9]) Ir-rata ta' kontribuzzjoni "ta' min iħaddem" applikabbli fl-2003 għal min jirċievi salarju fis-settur privat hija ta' 15,46 % f'każ li m'hemmx qafas u ta' 15,60 % għal qafas.

([10]) L-Artikolu 30 tal-liġi ta' l-1990 jiddisponi li: "*Il-likwidazzjoni u s-servizz tal-pensjonijiet allokati, fl-applikazzjoni tal-kodiċi tal-pensjonijiet taċ-ċivil u tal-militar għall-irtirar, lill-impjegati mas-servizz pubbliku ta' La Poste […] isiru mill-Istat.*"

([11]) B' "uffiċjali impjegati ma' La Poste", wieħed jifhem il-popolazzjoni ta' l-uffiċjali impjegati ma' La Poste, kemm impjegati rtirati ta' La Poste u kemm ta' l-amministrazzjoni tal-posta.

*“Min-naħa l-oħra, [La Poste (…) hija kostretta] li tħallas lit-Teżor:*

*a) L-ammont imnaqqas mill-paga ta’ l-aġent, li r-rata tiegħu hija ffissata mill-Artikolu L. 61 tal-kodiċi tal-pensjonijiet taċ-ċivil u tal-militar għall-irtirar;*

*b) Kontribuzzjoni komplementari li tippermetti li tittieħed ir-responsabbiltà kollha għall-ispejjeż tal-pensjonijiet mogħtija u li jridu jingħataw lill-aġenti li rtiraw.”*

(31) Dan il-metodu ta’ finanzjament huwa deroga mid-dritt komuni. Fil-fatt, il-kontribuzzjoni “ta’ min iħaddem” ta’ La Poste hija inkluża fi skema bi “ħlasijiet definiti” minħabba li din timmira li tkopri l-ammont tal-pensjonijiet imħallsa kull sena mill-Istat, mingħajr ma tkun korrelata mal-bażi ta’ l-uffiċjali attivi li jħallsu kontribuzzjoni fi ħdan La Poste. B’differenza għal min joffri impjieg ta’ dritt komuni f’sistema permezz ta’ tqassim, La Poste ma tagħtix kontribuzzjoni ordinarja, imma ngħatat ir-responsabbiltà mil-liġi ta’ l-1990 li tibbilanċja l-iskema ta’ pensjonijiet għall-uffiċjali tagħha.

(32) Il-“kuntratt ta’ għan u ta’ progress” li wassal għal pjan ta’ kuntratt bejn l-Istat u La Poste għall-perjodu 1998-2001, imtawwal għas-snin finanzjarji 2002 u 2003, u wara l-“kuntratt ta’ rendiment u ta’ konverġenza” għall-perjodu 2003-2007 stabbilixxew dan il-ħlas lura f’euro kostanti għal-livell ta’ l-1997 (minn issa ’l quddiem “il-limitu ta’ l-1998”). Il-parti tal-pensjonijiet imħallsa mill-Istat li mhix koperta la mill-kontribuzzjoni “ta’ min iħaddem” ta’ La Poste u l-anqas mill-ammont miżmum għal kull pensjoni ta’ l-uffiċjali tibqa’ responsabbiltà ta’ l-Istat.

(33) It-tabella t’hawn taħt tippreċiża, f’miljuni ta’ euro, il-ħlasijiet imħallsa minn La Poste lill-Istat sa mill-1998 (stabbiliti f’euro kostanti) u l-ħlasijiet ta’ l-Istat għall-pensjonijiet ta’ l-uffiċjali impjegati ma’ La Poste.

| | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | Valur imwettaq fit-30/6/2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta’ twettiq | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | |
| Pensjonijiet imħallsa ([1]) | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Kontribuzzjoni ta’ La Poste (“ta’ min jimpjega”) | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Ammont imnaqqas għall-pensjoni (uffiċjali tas-servizz pubbliku) | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |

([1]) Ċifri ta’ twettiq fil-baġit.

(34) L-ammont totali tal-ħlas ta’ l-irtirar li tħallas mill-Istat bejn l-1998 u l-2005 għalhekk skond Franza jitla’ għal madwar […] fit-30 ta’ Ġunju 2006.

(35) L-obbligu ta’ bilanċ finanzjarju ta’ l-iskema li huwa responsabbiltà ta’ La Poste jinbidel, mingħajr ir-riforma, permezz ta’ l-inklużjoni ta’ impenn fir-rigward ta’ l-Istat li mhuwiex inkluż fil-karta tal-bilanċ ta’ La Poste, li jiddaħħal bħala proviżjoni fil-kontijiet meta wieħed jgħaddi għall-istandards IFRS (*International Financial Reporting Standard,* Standards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju), li jrid jintervjeni sa l-2007 l-aktar tard. Minħabba li La Poste kienet kumpanija pubblika imma ma kinitx ikkwotata, ġie deċiż li din tgħaddi għall-istandards IFRS wara l-pubblikazzjoni tal-kontijiet semestrali ta’ l-2007.

(36) L-ammont ta’ impenji tad-drittijiet miksuba mill-uffiċjali fil-31 ta’ Diċembru 2005 inklużi fil-karta tal-bilanċ ta’ La Poste huwa ta’ 76 biljun euro (li minnhom 34 biljun jikkonċernaw id-drittijiet miksuba mill-uffiċjali attivi). Franza tqis li […] biljun euro jikkorrispondu għal drittijiet miksuba qabel ma nħolqot La Poste, jiġifieri fi żmien fejn l-attivitajiet prinċipali ta’ La Poste ma kinux għadhom infetħu għall-kompetizzjoni.

(37) It-tnaqqis progressiv fl-impjegar ta' uffiċjali mill-1990 ([12]) u ż-żieda fl-għomor tal-ħajja awtomatikament wasslu lil La Poste li mill-1990 jkollha tagħti ammont ta' pensjonijiet ([13]) dejjem aktar importanti meta mqabbel mal-paga ta' l-uffiċjali li jibqgħu jaħdmu ma' La Poste.

***Skema ta' rtirar komplementari ta' l-uffiċjali ta' La Poste***

(38) L-Artikolu 76 tal-liġi Nru 2003-775 tal-21 ta' Awwissu 2003 li ġab ir-riforma ta' l-irtirar waqqaf RAFP (*Retraite Additionnelle de la Fonction Publique* – Pensjoni Addizzjonali tas-Servizz Pubbliku), skema pubblika ta' rtirar addizzjonali obbligatorja sa mill-1 ta' Jannar 2005. Din hija skema ta' rtirar permezz ta' tqassim maħsub u permezz ta' punti, maħsuba li tippermetti l-kisba ta' drittijiet għall-irtirar. L-iskema hija mmexxija minn stabbiliment pubbliku b'karattru amministrattiv taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istat u msejjħa "stabbiliment ta' rtirar addizzjonali tas-servizz pubbliku".

(39) La Poste tikkontribwixxi fl-RAFP għall-uffiċjali ta' l-Istat li huma impjegati magħha u kull xahar tħallas il-kontribuzzjonijiet għall-ħolqien ta' l-iskema ta' rtirar addizzjonali mis-servizz pubbliku li din għandha tagħti billi tħaddem in-nies magħha u l-kontribuzzjonijiet ta' l-uffiċjali li din tieħu direttament mir-remunerazzjoni tagħhom. Il-kontribuzzjonijiet ta' "min iħaddem" ta' La Poste imħallsa skond l-RAFP mhumiex obbligatorji.

***Skema ta' rtirar kmieni għall-uffiċjali tas-servizz pubbliku impjegati ma' La Poste***

(40) Bħall-uffiċjali tas-servizz pubbliku l-oħra kollha ta' l-Istat, l-uffiċjali impjegati ma' La Poste jistgħu jibbenefikaw minn arranġamenti ta' rtirar kmieni stabbiliti għall-uffiċjali: il-waqfien progressiv ta' l-attività u tmiem il-karriera.

(41) In-nefqa għal dawn l-arranġamenti ta' rtirar kmieni hija sostnuta totalment milLa Poste għall-uffiċjali impjegati magħha. Għalhekk ġie mdaħħal ammont proviżorju fil-kontijiet għall-uffiċjali li għażlu li jżommu wieħed mill-arranġamenti ta' rtirar kmieni.

2.3.2. *Ir-riforma u r-rata ta' ekwità tal-kompetizzjoni*

***Il-bażijiet ġuridiċi tar-riforma***

(42) Il-bażijiet ġuridiċi fid-dritt intern tar-riforma tal-mudell ta' finanzjament attwali tal-pensjonijiet ta' l-uffiċjali mas-servizz pubbliku impjegati ma' La Poste ser jiġu kostitwiti mill-modifika ta' l-Artikolu 30 tal-liġi ta' l-1990 u ta' l-ispeċifikazzjonijiet ta' La Poste approvati mid-digriet Nru 90-1214 tad-29 ta' Diċembru 1990. L-Artikolu 46 ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet jipprevedi partikolarment it-termini ta' kif La Poste ser tħallas lura lill-Istat l-ispejjeż tal-pensjoni li huma responsabbiltà tagħha skond il-liġi ta' l-1990.

(43) Il-bidla tar-riforma fi dritt intern tinkludi, minbarra l-modifika ta' dawn iż-żewġ testi, l-preċiżjoni tat-termini ta' għażla tal-ħlas tal-kontribuzzjoni "ta' min iħaddem" b'mod liberatorju li ser tkun responsabbli għalih La Poste minflok il-ħlas lura ta' l-ispejjeż ta' pensjoni lill-Istat.

([12]) Reklutaġġ ta' La Poste mill-1990:

| | 1990 | 1991 | 1992 | 1993 | 1994 | 1995 | 1996 | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali impjegati | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Persuni b'salarju impjegti | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |

([13]) Minkejja wkoll l-istabbilizzazzjoni f'euro kostanti mill-1998.

(44) Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, li kienu ġew trażmessi bħala abbozz lill-Kummissjoni bħala anness għall-osservazzjonijiet ta' Franza relattivi għad-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura, ġew adottati mingħajr modifika mill-Parlament u llum jikkostitwixxu l-Artikolu 150 tal-liġi tal-finanzi bħala ratifika għall-2006 ([14]).

(45) Dawn id-dispożizzjonijiet f'dan l-istadju għandhom l-effet prinċipali li jagħtu karattru liberatorju lill-kontribuzzjoni "ta' min iħaddem" imħallsa milLa Poste.

(46) L-Artikolu 150 tal-liġi ta' rettifika tal-finanzi għall-2006 jipprevedi wkoll il-prinċipju ta' rata ta' ekwità tal-kompetizzjoni ("TEC") u jawtorizza li jinħareġ digriet li jiffissa t-termini ta' kalkolazzjoni u ta' ħlas tal-kontribuzzjoni "ta' min iħaddem". Dan id-digriet ġie ppubblikat fit-2 ta' Jannar 2007 ([15]). L-Artikolu 150 imsemmi jemenda wkoll il-fluss finanzjarju, il-kontribuzzjoni li issa ġejja mill-istabbiliment pubbliku nazzjonali ta' finanzjament ta' l-irtirar ta' La Poste ([16]) u dan ma jitħallasx aktar direttament lill-Istat.

***Il-filosofija tar-riforma***

(47) Il-filosofija tar-riforma notifikata tikkonsisti fil-parti l-kbira, skond Franza, fis-sostituzzjoni tal-kontribuzzjoni attwali ta' La Poste għal kontribuzzjoni analoga għal kontribuzzjoni li tallinja l-ispejjeż ta' l-irtirar imħallsa minn La Poste ma' dawk tal-kompetituri tagħha u li jkollha karattru liberatorju.

(48) Ir-riforma tipprevedi li La Poste mill-2006 ser twaqqaf kontribuzzjoni "ta' min iħaddem" b'karattru liberatorju bbażata fuq TEC. Din hija kkalkulata b'mod li jqabbel il-livelli ta' l-ispejjeż soċjali u fiskali obbligatorji, stabbiliti fuq is-salarji, bejn La Poste u l-intrapriżi l-oħra tas-settur tat-trasport u tas-settur bankarju li jiġu mid-dritt komuni tas-servizzi soċjali. Inizjalment, Franza kienet qed tippjana li tapplika l-kalkolu biss għar-riskji li huma komuni għall-impjegati b'salarju ta' l-intrapriżi privati u għall-uffiċjali tas-servizz pubbliku ([17]).

(49) Minħabba li l-bażi ta' assessjar u r-rati ta' kontribuzzjoni huma differenti għall-uffiċjali mas-servizz pubbliku u għall-impjegati tas-settur privat, u minħabba li l-kontribuzzjonijiet jistgħu jvarjaw xi ftit minn settur ekonomiku għall-ieħor, il-metodu ta' ekwità huwa bbażat fuq rikostruzzjoni.

(50) Hekk kif kien spjegat fid-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura, il-kalkolazzjoni tibda minn rikostruzzjoni ta' dak li ser tkun in-nefqa għas-salarji ta' kompetitur li jimpjega persuni b'salarju sottoposti għad-dritt komuni tal-kontribuzzjonijiet soċjali (inkluż il-pensjoni), fil-waqt li jassiguralhom salarju nett ugwali għal dak ta' l-uffiċjali ta' La Poste, u li għandu struttura ta' impjieg u portafoll ta' attivitajiet identiċi.

([14]) Il-liġi Nru 2006-1771 tat-30 ta' Diċembru 2006 ta' rettifika tal-finanzi għall-2006.

([15]) Id-digriet Nru 2007-3 ta' l-1 ta' Jannar 2007 li tistabbilixxi t-termini għad-determinazzjoni u għall-ħlas tal-kontribuzzjoni ta' min jimpjega liberatorja għall-uffiċjali ta' La Poste.

([16]) Dan l-istabbiliment pubbliku inħoloq mid-digriet Nru 2006-1625 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jwaqqaf l-Istabbiliment pubbliku nazzjonali ta' finanzjament ta' l-irtirar ta' La Poste.

([17]) Għall-awtoritajiet Franċiżi, ir-riskji komuni (partikolarment ix-xjuħija, il-familja, il-mard, il-maternità, l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol, it-taħriġ professjonali) jikkonċernaw ir-riskji koperti mill-kontribuzzjonijiet soċjali u fiskali kollha, inkluż skond dispożizzjonijiet konvenzjonali, applikabbli rispettivament fis-settur tal-posta u fis-settur bankarju (it-tqabbil jinkludi s-suppliment tal-bank, li huwa kontribuzzjoni żejda għall-irtirar imħallsa mill-banek, ta' aktar minn 4 % tal-gross tas-salarji). Bl-esklużjoni tal-kontribuzzjonijiet fis-seħħ biex ikopru r-riskju ta' qagħad u l-assigurazzjoni kontra r-riskju ta' nuqqas ta' ħlas tas-salarji f'każ ta' proċedura ta' rkupru jew ta' likwidazzjoni ġudizzjarja (l-Assoċjazzjoni għall-Ġestjoni ta' l-Iskema ta' Garanzija tal-Krediti tas-Salarji, AGS). B'mod sistematiku, il-kontribuzzjoni eċċezzjonali ta' solidarjetà mwaqqfa mil-liġi Nru 82-939 ta' l-4 ta' Novembru 1982 rigward il-kontribuzzjoni eċċezzjonali ta' solidarjetà għall-ħaddiema li m'għandhomx impjieg u imħallsa mill-uniċi uffiċjali kienet eskluża mit-tqabbil. Barra minn dan, La Poste tassigura hi stess il-benefiċċji għall-waqfien mix-xogħol minħabba mard, maternità, paternità, u adozzjoni għall-uffiċjali li huma impjegati magħha, fil-waqt li l-kompetituri tagħha jħallsu l-kontribuzzjonijiet għal dawn is-servizzi. Il-benefiċċji assigurati minn La Poste jirrappreżentaw aktar minn […]% tas-salarji netti ta' indikazzjoni, li jikkorrispondi għad-differenza bejn ir-rati ta' kontribuzzjonijiet applikabbli għal dawk li jirċievu salarju mid-dritt privat u dawk applikabbli għall-uffiċjali. Dawn ma ġewx ikkunsidrati fit-TEC notifikat inizjalment, fil-waqt li l-kontribuzzjonijiet mħallsa mill-kompetituri ġew ikkunsdrati.

(51) Il-kontribuzzjoni mhux obbligatorja li ser titħallas minn La Poste lill-Istat wara r-riforma hija ugwali għad-differenza bejn in-nefqa għas-salarji rikostitwita b'dan il-mod u n-nefqa għas-salarji reali ta' l-uffiċjali (minbarra l-irtirar). Il-kontribuzzjoni kkalkolata b'dan il-mod ser tissostitwixxi l-kontribuzzjoni ta' La Poste prevista fl-Artikolu 30 tal-liġi ta' l-1990. Din ser titħallas minn La Poste lil stabbiliment pubbliku ta' amministrazzjoni.

(52) Meta mqabbla mas-salarji grossi ta' indiċi ([18]) ta' l-uffiċjali fis-servizz ta' La Poste, din il-kontribuzzjoni tiddetermina r-rata ta' kontribuzzjoni ta' La Poste, imsejħa rata ta' ekwità tal-kompetizzjoni ("TEC"). Din il-kontribuzzjoni ser tiġi kkalkolata kull sena sabiex jinżamm rendikont ta' l-evoluzzjoni reali tar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali impjegati ma' La Poste u ta' l-evoluzzjonijiet li ser jintervjenu fil-livelli ta' l-ispejjeż soċjali u fiskali obbligatorji tad-dritt komuni.

(53) Il-metodu għall-kalkolazzjoni tal-kontribuzzjoni liberatorja ta' La Poste għalhekk hija bbażata fuq ekwità fil-livell tal-kontribuzzjonijiet soċjali u fiskali obbligatorji bbażati fuq is-salarji bejn La Poste u l-intrapriżi l-oħra tas-setturi tat-trasport u tal-bank skond id-dritt komuni. Dan il-metodu għalhekk ma jiżgurax l-ugwaljanza ta' l-ispejjeż globali tas-salarji (salarji u kontribuzzjonijiet).

(54) It-terminu l-ġdid tal-kalkolazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' La Poste m'għandhux effett fuq is-sitwazzjoni individwali ta' l-uffiċjali impjegati ma' La Poste, kemm jekk wieħed jitkellem dwar id-drittijiet tagħhom għall-pensjoni, tal-kontribuzzjonijiet tagħhom jew ta' l-istat tagħhom.

***Distinzjoni mwettqa mir-riforma bejn is-setturi ta' attività ta' La Poste***

(55) Minħabba li La Poste hija attiva fiż-żewġ setturi, is-settur tal-posta u tal-bank, li fihom il-kontribuzzjonijiet "ta' min iħaddem" ta' dritt komuni huma differenti, fil-prattika ser jiġu kkalkolati żewġ TEC:

— wieħed huwa applikabbli għall-grupp ta' uffiċjali attivi fis-settur "posta-pakketti", ikkalkulat b'referenza għall-kontribuzzjonijiet ta' l-intraprożi ta' trasport, settur li minnu jiddependu l-attivitajiet tal-posta; skond l-informazzjoni ta' l-2005, it-TEC "tas-settur tal-posta" huwa stmat inizjalment għal 36,5 % tat-total tas-salarji grossi ta' indiċi ta' dan il-grupp;

— l-ieħor huwa applikabbli għall-grupp ta' l-uffiċjali impjegati mal-Bank Postali jew attivi fil-grupp tan-nofs ([19]), ikkalkolat b'referenza għall-kontribuzzjonijiet tal-banek; fuq il-bażi ta' l-informazzjoni ta' l-2005, it-TEC "tas-settur tal-bank" huwa inizjalment stmat għal 40,9 % tat-total tas-salarji grossi ta' indiċi ta' dan il-grupp.

(56) Jista' jiġi kkalkolat TEC globali kull sena bħala medja meqjusa taż-żewġ rati, fejn il-kalkolazzjoni ssir fuq il-bażi tat-total tas-salarji grossi ta' indiċi li jikkorrispondu għal kull wieħed miż-żewġ gruppi. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni ta' l-2005, it-TEC globali huwa inizjalment stmat għal 37,2 % tat-total tas-salarji grossi ta' indiċi ta' La Poste.

([18]) Is-salarju gross ta' indiċi huwa l-element prinċipali tar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali u jiddependi mill-indiċi tagħhom, li hu stess jiddependi minn kemm ilhom jaħdmu fl-entità tagħhom. Il-komponenti tar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali mas-servizz pubbliku huma definiti mill-Artikolu 20 tal-liġi Nru 83-634 tat-13 ta' Lulju 1983 li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi ta' l-uffiċjali.

([19]) Dan il-grupp, li m'għandux personalità ġuridika, imexxi r-riżorsi umani kollha u l-materjali korrispondenti għas-servizzi previsti mill-ftehim li sar bejn La Poste u l-Bank Postali (pereżempju l-kundizzjonijiet li fihom il-Bank Postali jirrikorri għall-persunal ta' La Poste għall-katina kummerċjali).

*Perjodu ta' tranżizzjoni*

(57) L-applikazzjoni tat-TEC hekk kif definit hawn fuq ser isehh bil-mod, fit-tmiem ta' perjodu ta' tranżizzjoni ta' erba' snin. Fl-2006, il-kontribuzzjoni liberatorju ta' La Poste ser tiġi ffissata b'mod li jinkiseb livell ta' kontribuzzjoni f'eur ekwivalenti għal dak li jiġi mill-arranġament attwali (attwalment stmat għal madwar […]% tat-total tas-salarji grossi ta' indiċi). Għas-snin bejn l-2007 u l-2009, ir-rata ta' kontribuzzjoni ser tiġi ffissata biż-żieda ta' kontribuzzjoni żejda temporanja mat-TEC iffissata għal […]% tat-total tas-salarji grossi ta' indiċi fl-2007, […]% fl-2008, u […]% fl-2009. Din il-kontribuzzjoni komplementarja ser titwaqqaf mill-2010.

(58) Meta jitqies dan l-arranġament, l-evoluzzjoni tat-TEC inizjali globali ([20]) applikabbli matul il-perjodu ta' tranżizzjoni għandha tkun kif ġej (stima skond l-informazzjoni ta' l-2005):

| | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' kontribuzzjoni | […] | […] | […] | […] | […] |

*Kontribuzzjoni fissa eċċezzjonali*

(59) Fid-29 ta' Diċembru 2006, La Poste ħallset kontribuzzjoni fissa eċċezzjonali ta' 2 biljun euro ([21]) lill-istabbiliment pubbliku nazzjonali ta' finanzjament għall-irtirar ta' La Poste. Din il-kontribuzzjoni tħallset darba fl-2006.

(60) Il-prinċipju u l-ammont ta' din il-kontribuzzjoni ġew iffissati fil-qafas ta' negozjati bejn l-Istat u La Poste. L-ammont jirriżulta minn arbitraġġ bejn il-bżonnijiet tal-baġit immedjati ta' l-Istat u l-kapaċità ta' kontribuzzjoni ta' La Poste. […]

(61) L-entitajiet differenti tal-grupp La Poste jikkontribwixxu għall-ħlas tal-kontribuzzjoni fissa eċċezzjonali skond it-total tas-salarji ta' l-uffiċjali impjegati direttament magħhom, skond it-tabella li ġejja:

| | Total tas-salarju gross ta' l-uffiċjali (f'miljuni ta' euro) bażi 2004 | Kontribuzzjoni fissa eċċezzjonali |
|---|---|---|
| Kumpanija prinċipali | […] | […] |
| Bank postali | […] | […] ([1]) |
| Sofipost | […] | […] |
| Geopost | […] | […] |
| Total | […] | […] |

([1]) Il-kwistjoni ta' tqassim ta' l-ispejjeż fil-grupp La Poste, partikolarment fir-rigward tal-Bank Postali, hawn mhux eżaminat mill-Kummissjoni u ser ikun suġġett ta' deċiżjoni oħra.

*Responsabbiltà ta' l-iskema ta' rtirar ta' l- uffiċjali impjegati ma' La Poste fl-iskemi ġenerali*

(62) Skond Franza, responsabbiltà ta' l-iskema ta' pensjonijiet ta' l-uffiċjali impjegati ma' La Poste fl-iskemi ta' dritt komuni jikkostitwixxi għażla għall-Istat. F'dan l-istadju, ma saru l-ebda negozjati ma' l-iskemi ġenerali ta' rtirar, anke jekk Franza għandha l-intenzjoni li tibda tali negozjati malajr kemm jista' jkun.

([20]) Jaqbel li wieħed jinnota li r-rata applikabbli għall-grupp "bankarju" mhix ser tonqos sakemm ma din tilħaq it-TEC "settur bankarju" (stmat li jammonta għal […]% skond l-informazzjoni ta' l-2005).

([21]) Ara l-Artikolu 150 tal-liġi ta' rettifika tal-finanzi għall-2006.

## 3. IR-RAĠUNIJIET LI WASSLU GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA

(63) Fit-tmiem ta' l-eżami preliminari tagħha, il-Kummissjoni l-ewwelnett immutat li r-riforma nnotifikata tillibera lil La Poste mill-ispejjeż li kellha tassumi skond il-liġi ta' l-1990. Il-Kummissjoni għalhekk staqsiet jekk l-ispejjeż ta' La Poste li huma s-suġġett għal tnaqqis jikkorrispondux fit-total għal spiża "anomala" fis-sens tal-ġurisprudenza Komunitarja. Partikolarment, fid-deċiżjoni *Combus* ([22]), il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej jidher li jqis bħala spejjeż "anomali" l-ispejjeż li jirriżultaw minn stat ta' deroga tal-persunal ta' intrapriża li, wara riforma, issib ruħha f'sitwazzjoni ta' dritt komuni, għalhekk identika għall-kompetituri tagħha, jiġifieri mill-ġestjoni tal-persunal tagħha ([23]). Madankollu, b'mod ġenerali, Franza ma adottat l-ebda arranġament leġiżlattiv li jistipula t-tneħħija jew il-modifika ta' l-iskema speċjali ta' impjieg ta' l-uffiċjali impjegati ma' La Poste u l-metodu tal-kisba tad-drittijiet għall-irtirar tagħhom.

(64) Wara, Franza ppretendiet li r-riforma kienet maħsuba biex tallinja progressivament l-ispejjeż imħallsa minn La Poste minħabba l-pensjonijiet ta' l-irtirar imħallsa lill-uffiċjali impjegati ma' La Poste ma' dawk tal-kompetituri tagħha. Il-Kummissjoni esprimiet dubji fir-rigward tal-karattru effettiv ta' l-ekwità tal-kompetizzjoni wara l-implimentazzjoni tar-riforma.

(65) Fl-aħħarnett, skond Franza, La Poste fil-passat qatt ma bbenefikat minn miżuri oħra ta' kumpens li, fil-mument li jingħataw, kienu jkunu maħsuba biex jinnewtralizzaw l-effetti ta' l-ispejjeż addizzjonali imposti mill-iskema *ad hoc* ta' La Poste għall-finanzjament ta' l-irtirar ta' l-uffiċjali. Madankollu, sa mill-1998, La Poste ma tħallasx lura lill-Istat għan-nefqa totali ta' l-irtirar imħallsa lill-uffiċjali, kuntrarju għall-obbligu li jiġi mill-Artikolu 30 tal-liġi ta' l-1990.

(66) B'kunsiderazzjoni għall-punti preċedenti, il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi f'dan l-istadju li l-miżuri ma kienu jagħtu l-ebda vantaġġ ekonomiku lil La Poste u ma kienu jinkludu l-ebda element ta' għajnuna mill-Istat.

(67) Il-Kummissjoni staqsiet lilha nnifisha dwar il-punt li tkun taf li, fl-ipoteżi fejn il-miżuri msemmija kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, dawn il-miżuri setgħu jiġu ddikjarati bħala kompatibbli skond id-derogi previsti mill-punt c) tal-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat.

(68) Fil-passat, il-Kummissjoni awtorizzat miżuri ta' għajnuna mill-Istat li jnaqqsu mill-obbligi ta' pensjonijiet speċifiċi fuq intrapriżi għal settur li kien jeċċedi dawk li jirriżultaw mill-iskema ġenerali ta' l-irtirar u li kienu ġew definiti matul perjodu ta' monopolju ([24]). Il-miżuri li huma suġġett ta' din id-deċiżjoni għandhom l-għan li jallinjaw pregressivament l-ispejjeż imħallsa minn La Poste minħabba l-pensjonijiet ta' l-irtirar għall-uffiċjali impjegati ma' La Poste fuq l-ispejjeż ta' l-irtirar tal-kompetituri tagħha. Madankollu, il-Kummissjoni f'dan l-istadju ma kinitx f'pożizzjoni li tikkonkludi li La Poste kienet tinsab fil-fatt f'sitwazzjoni li tista' titqabbel ma' dik tal-kompetituri tagħha, li kien jippermetti li juri li l-għajnuna kienet neċessarja sabiex tgawdi bis-sħiħ il-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni tas-suq tas-servizzi tal-posta.

(69) Franza ma invokatx il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 86 tat-Trattat matul il-proċedura.

---

([22]) Deċiżjoni tas-16 ta' Marzu 2004, *Danske Busvognmænd/Il-Kummissjoni*, T-157/01, Ġabra p. II-917.

([23]) Combus, intrapriża magħżula mill-Istat biex tamministra l-attività ta' trasport komuni permezz tal-karrozza tal-linja fid-Danimarka, kienet timpjega uffiċjali li żammew ir-relazzjoni ta' impjieg tagħhom ma' l-Istat, fil-waqt li kienu għad-dispożizzjoni ta' Combus fil-qafas ta' skema ta' affiljazzjoni. Minħabba li l-uffiċjali kienu jaħdmu għal Combus, din is-soċjetà kellha l-obbligu li jikkumpensaw lill-Istat għas-salarji u l-pensjonijiet li dan kien iħallas għalihom. F'Settembru 1998, l-Istat ikkonkluda ftehim ma' l-intrapriża rigward il-kondizzjonijiet biex minn stat ta' uffiċjal l-impjegati jgħaddu għal stat ta' impjegat b'kuntratt għall-uffiċjali impjegati ma' Combus. Il-ftehim kien jikkonsisti fil-parti l-kbira tiegħu biex l-uffiċjali jingħataw l-għażla, mill-1 ta' April 1999, bejn impjieg bħala aġent b'kuntratt ma' Combus jew impjieg ieħor adegwat mal-Ferrovija Daniża. Bħala kumpens għar-rinunċja tad-drittijiet li ġejjin mill-istat ta' uffiċjal meta jsiru aġenti b'kuntratt ma' Combus, l-uffiċjali kienu talbu remunerazzjoni unika, stmata għal 100 miljun kuruna Daniża. Din is-somma tħallset lill-uffiċjali kkonċernati fl-1998.

([24]) Deċiżjoni 2005/145/KE tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2003 rigward l-għajnuna mill-Istat mogħtija minn Franza lil EDF u lis-settur ta' l-industrija ta' l-elettriku u tal-gass (ĠU L 49 tat-22.2.2005, p. 9).

## 4. OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI

(70) Żewġ partijiet interessati ppreżentaw osservazzjonijiet komuni fil-qafas tal-proċedura: […].

(71) […].

(72) Il-miżuri stipulati mid-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura jqajjmu l-mistoqsija bażika li wieħed għandu jkun jaf jekk l-impjieg ta' uffiċjali jikkostitwix spiża "anomala" li l-eżenzjoni tagħha ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat.

(73) L-ewwelnett, […] jikkonfermaw li d-deċiżjoni *Combus* ma tapplikax f'dan il-każ. Kien hemm diversi elementi li jiddifferenzjaw il-każ ta' La Poste minn dak ta' Combus. Għalhekk, ir-riforma maħsuba ma kinitx toħnoq il-possibbiltà għal La Poste li timpjega uffiċjali; in-nuqqas ta' għajnuna fil-każ *Combus* kien jiddependi l-aktar mill-fatt li l-ispiża ma kinitx ser titħallas mill-persunal ta' Combus; fl-aħħar-nett, il-kuntest tal-kompetizzjoni kien totalment differenti, minħabba li La Poste tgawdi drittijiet esklussivi.

(74) It-tieninett, l-apprezzament tal-karattru "anomalu" ta' l-ispiża relattiva għall-impjieg ta' l-uffiċjali jitlob li jiġu kkalkulati l-vantaġġi [25] u l-iżvantaġġi kollha marbuta ma' l-impjieg ta' l-impjegati msemmija.

(75) It-tieletnett, il-miżuri in kwistjoni ma jkunux kompatibbli mal-punt c) tal-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat minħabba li dawn ma jiffavorixxux il-kompetizzjoni.

(76) B'mod partikolari, il-kundizzjonijiet stretti tar-riforma ta' l-iskema ta' rtirar ta' EDF/GDF, hekk kif deskritti fid-deċiżjoni 2005/145/KE, ma jiġux irrispettati minħabba li, min-naħa r-riforma ser tillimita l-kapaċità tal-kompetituri biex jiżviluppaw fuq is-swieq fejn topera La Poste minflok ma twaqqa' l-barrieri għad-dħul, u, min-naħa l-oħra, ma jkunx hemm proporzjonalità fir-riforma, Franza ma wrietx li l-miżuri in kwistjoni se jkunu ta' anqas ħsara għall-kompetizzjoni.

(77) Barra minn dan, ir-riforma ma kinitx ser tkun ekwitabbli għax din ma kinitx tinkludi r-riskju ta' qagħad fil-lista ta' riskji komuni, ma kinitx ser tinkludi fil-kontabilità l-vantaġġi tal-kompetizzjoni mogħtija lil intrapriża li kienet ibbenefikat minn drittijiet esklussivi, kienet tistabbilixxi kriterju ta' allokazzjoni suġġettiv favur La Posta, u ma kinitx tikkunsidra l-miżuri ta' kumpens li kienet ibbene-fikat minnhom La Poste fil-passat [26].

(78) L-ebda osservazzjoni oħra ma waslet fiż-żmien iffissat mid-deċiżjoni tal-bidu ta-proċedura. Il-Kummissjoni ma tawlitx dan iż-żmien minħabba li din stmat li l-ebda każ iġġustifikat fis-sens tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 1999 rigward it-termin ita' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat KE [27] ma setax iwassal biex jittawwal dan iż-żmien.

## 5. IL-KUMMENTI TA' FRANZA

(79) Franza ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fl-14 ta' Diċembru 2006. Elementi komplementari ġew ippreżentati fis-27 ta' April 2007 u t-8 ta' Ġunju 2007 b'risposta għall-mistoqsijiet magħmula mill-Kummissjoni.

---

[25] Fost il-vantaġġi favur La Poste, l-osservazzjonijiet isemmu n-nuqqas ta' kontribuzzjoni għall-assigurazzjoni ta' qagħad għall-uffiċjali, remunerazzjoni totali (salarju gross) anqas għall-uffiċjali meta mqabbla ma' l-impjegati tal-privat, l-istabbiltà tal-persunal uffiċjali fil-perjodu ta' tkabbir u l-possibbiltajiet ta' rtirar kmieni jew ta' affiljazzjoni mill-ġdid ta' dawn l-uffiċjali fi żmien ta' riċessjoni, il-kundizzjonijiet l-aktar favorevoli ta' l-irtirar ta' l-uffiċjali u d-drittijiet esklussivi ta' La Poste.

[26] Dan il-punt ta' l-aħħar jista' jkollu l-konsegwenza, skond id-deċiżjoni *Deggendorf* (deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Settembru 1995, T-244/93 u T-486/93, *Teltilwerke Deggendorf*, Ġabra p. II-2265), li l-ebda għajnuna ġdida ma tista' tiġi awtorizzata sakemm La Poste ma tkunx ħallset lura l-għajnuna illegali li kienet irċeviet preċedentement.

[27] ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1. Regolament emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

(80) Franza tqis li turi li r-riforma maħsuba ma tinkludi l-ebda element ta' għajnuna mill-Istat. Fil-fatt, il-metodu ta' finanzjament attwali tal-pensjonijiet għall-uffiċjali impjegati ma' La Poste, bħal dik organizzata mil-liġi tat-2 ta' Lulju 1990, titfa' fuq La Poste spiża finanzjarja eżorbitanti ta' dritt komuni, li tpoġġi lill-intrapriża f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ ta' kompetizzjoni tassew importanti. Ir-riforma maħsuba tistipula biss biex tnaqqas l-iżvantaġġ tal-kompetizzjoni li jirriżulta minn din l-iskema billi tallinja l-kundizzjonijiet ta' finanzjament minn La Poste ta' l-ispejjeż ta' rtirar ta' l-uffiċjali ma' dawk applikabbli għall-intrapriżi privati għall-impjegati tagħhom tas-setturi li fihom La Poste teżerċita l-attivitajiet tagħha. It-tnaqqis ta' spiża finanzjarja anomala bħal din imposta mill-Istat fuq La Poste ma tagħti l-ebda vantaġġ lil La Poste meta mqabbla mal-kompetituri tagħha.

(81) L-ispejjeż ta' l-irtirar li kellha toħroġ La Poste skond il-liġi ta' l-1990 ma kienux parti mill-ispejjeż normali tagħha. Il-fatt biss li liġi ffissat skema partikolari għal intrapriża minnu nnifsu ma jistax jagħti karattru normali lil din l-iskema. Fil-fatt, l-apprezzamment tal-karattru "normali" ta' spiża fis-sens tar-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat huwa totalment mhux konness man-natura ta' l-appoġġ ġuridiku tiegħu. Franza tfakkar l-argumenti esposti fin-notifika u tikkunsidra li l-obbligi ta' deroga tad-dritt komuni maħluqa mil-liġi ta' l-1990 ma jaqgħux fil-kategorija ta' obbligi li jkunu parti mill-"ispejjeż normali" ta' intrapriża, skond il-punt 63 tal-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturazzjoni ta' intrapriżi f'diffikultà ([28]) ("l-obbligi li intrapriża għandha tassumi minħabba l-leġiżlazzjoni tax-xogħol fejn il-ftehim kollettiv konklużi mat-trejdjunjins fil-qasam ta' il-kumpens ta' temma ta' impjieg u/jew ta' rtirar kmieni").

(82) Franza tikkuntesta l-interpretazzjoni tassew restrittiva tal-portata tas-sentenza *Combus* li ħadet il-Kummissjoni. Fil-fatt, skond ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u tal-Qorti tal-Prim'Istanza, l-idea ta' għajnuna mill-Istat tapplika biss għal interventi mill-Istat li, taħt forom differenti, tnaqqas l-ispejjeż li normalment jtaqqlu l-baġit ta' intrapriża, u li għalhekk ikunu suxxettibbli li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi tagħti vantaġġ lill-intrapriża konċernata. Minn dan il-prinċipju toħroġ il-prattika ta' teħid ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni u l-ġurisprudenza Komunitarja skond liema t-tneħħija ta' żvantaġġ strutturali impost mill-Istat ma jikkostitwix vantaġġ suxxettibbli li jiġi kwalifikat bħala għajnuna, minħabba li dan jimmira biex jeħles lill-intrapriża minn spiża anomala u għalhekk jippermetti li tiġi stabbilita mill-ġdid l-ugwaljanza bejn il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni. Dan il-prinċipju jiġi direttament mill-idea ta' għajnuna mill-Istat hekk kif ippreċiżata mill-Qorti. Dan ġie magħruf u applikat mhux biss fis-sentenza *Combus*, imma wkoll f'diversi kwistjonijiet oħra msemmija fin-notifika, bħal *Sabena/Swissair* u *Enirisorse* ([29]).

(83) L-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni dwar iċ-ċirkostanzi differenti tas-sentenza *Combus* kellhom jitwarrbu. Min-naħa, fil-kwistjoni *Combus*, iċ-ċirkostanza li l-miżura in kwistjoni ħadet il-forma ta' kumpens imħallas mill-Istat lill-uffiċjali minflok ma saret bidla fl-istat tagħhom kienet tfisser biss it-tneħħija ta' spiża imħallsa b'mod anomalu minn La Poste minħabba li l-finanzjament ta' l-irtirar ta' l-uffiċjali neċessarjament irid ikollu miegħu bidla fl-istat ta' dawn l-impjegati u mhux ta' kumpens għal dawn ta' l-aħħar. Skond il-metodu addottat mill-Qorti, il-mistoqsija hija li wieħed ikun jaf (i) jekk Combus kinitx fi żvantaġġ strutturali meta mqabbla mal-kompetituri tagħha (riżultat ta' l-"istat privileġġjat u għolja ta' l-uffiċjali"), u (ii) jekk l-intervent ta' l-Istat jippermetti li jeħles lil Combus minn dan l-iżvantaġġ ta' kompetizzjoni (speċjalment peremzz tal-bidla fl-istat tal-persunal flimkien mal-ħlas ta' kumpens mill-Istat). Min-naħa l-oħra, Franza tikkunsidra li sostituzzjoni progressiva ta' l-uffiċjali b'impjegati tas-settur privat fil-fatt ilu jseħħ fLa Poste sa mill-1990 fil-limiti imposti mil-liġi ta' l-1990, bis-sostituzzjoni ta' impjegati tas-settur privat minflok l-uffiċjali li jirtiraw u bil-waqfien progressiv milli timpjega l-uffiċjali. Din iċ-ċirkostanza għalhekk hija wkoll preżenti b'mod ġenerali. Barra minn dan, il-liġi ta' l-1990 ġiet emendata f'Mejju 2005 sabiex twaqqaf ir-restrizzjonijiet biex timpjega impjegati tas-settur privat. Din tipprevedi prinċipju ġenerali ta' impjieg għall-impjegati tas-settur privat billi tiddisponi li "La Poste tista' timpjega, taħt l-iskema ta' ftehim kollettiv, aġenti b'kuntratt, fil-qafas ta' l-għażliet iffissati mill-kuntratt ta' pjan."

([28]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.
([29]) Sentenza tal-Qorti tat-23 ta' Marzu 2006, C-237/04, *Enirisorse c. Sotacarbo*, il-punti 46-51.

(84) Franza tfakkar li La Poste fil-passat ma bbenefikat, partikolarment fil-mument tal-ħolqien ta' La Poste fl-1990-1991, mill-ebda miżura ta' kumpens li, fil-mument ta' l-għotja tagħha, kienet maħsuba biex tinnewtralizza l-effetti ta' l-ispiża strutturali anomala mħallsa minn La Poste u marbuta mal-finanzjament ta' l-irtirar ta' l-uffiċjali impjegati ma' La Poste.

(85) L-arranġament ta' stabbilizzazzjoni fl-1998 jikkostitwixxi biss tnaqqis parzjali ta' l-ispejjeż imħallsa b'mod anomalu minn La Poste. Dan il-mekkaniżmu għandu l-effett li jistabbilixxi l-ammonti grossi mħallsa minn La Poste lill-Istat għall-uffiċjali, imma dan m'għandu l-ebda inċidenza fuq it-tnaqqis tal-bażi ta' l-uffiċjali attivi li jħallsu kontribuzzjoni.

(86) L-arranġament stabbilit l-anqas ma reġa' poġġa f'dubju l-karattru eżorbitanti ta' l-ispiża mħallsa minn La Poste skond il-liġi ta' l-1990 minħabba li l-kontribuzzjoni ta' La Poste tkompli tiġi minn skema ta' "servizzi definiti" u ma tikkostitwix kontribuzzjoni liberatorja. L-arranġament ta' stabbilizzazzjoni għalhekk la mmodifika l-prinċipju tar-reġistrazzjoni li mhix fil-karta tal-bilanċ ta' La Poste ta' l-impenji għall-pensjonijiet, la t-termini tal-kalkolazzjoni tagħha, u l-anqas l-obbligu li ssr proviżjoni għal dan l-impenn matul il-passaġġ għan-normi IFRS jekk l-arranġament kien inżamm.

(87) Fl-aħħarnett, Franza tindka li, minbarra s-servizz postali universali, La Poste taffaċċja aktar spejjeż netti marbuta mas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SIEG) ta' trasport u ta' tqassim ta' ġurnali, u ta' l-amministrazzjoni tat-territorju. Il-kumpens anqas għal dawn iż-żewġ missjonijiet tilħaq madwar […] għal kull sena matul il-perjodu 2000-2005.

(88) F'dak li jikkonċerna il-kwantifikazzjoni ta' l-ispejjeż addizzjonali imposti mill-iskema ta' deroga applikabbli għal La Poste għall-perjodu 1998-2005, La Poste wettqet kalkolazzjoni aktar preċiża ta' data b'lura tat-TEC matul il-perjodu ([30]):

| | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' kontribuzzjoni ta' min jimpjega, qabel l-istabbilizzazzjoni | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Rata ta' kontribuzzjoni ta' min jimpjega, wara l-istabbilizzazzjoni | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| Rata ta' ekwità tal-kompetizzjoni simulata (permezz ta' data b'lura) | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |

(89) Għalhekk, l-istabbilizzazzjoni f'euro kostanti ta' ħlas lura lill-Istat ta' l-ispejjeż għall-irtirar ta' l-uffiċjali kienet biss tikkumpensa parzjalment għal żvantaġġ strutturali u *a fortiori* ma tat l-ebda vantaġġ lil La Poste fir-rigward tal-kompetituri tagħha. Għalhekk din ma kinitx tikkonsisti f'għajnuna.

(90) F'dak li jikkonċerna l-karattru effettiv ta' l-ekwità tal-kompetizzjoni, Franza tikkuntesta it-tliet dubji mqajjma mid-deċiżjoni tal-bidu.

(91) L-esklużjoni tar-riskju ta' qagħad mill-kalkolazzjoni tat-TEC tkun ġustifikata l-ewwelnett mill-fatt li dan huwa riskju li l-uffiċjali mhumiex sottoposti għalih minħabba l-istat tagħhom. Min-naħa l-oħra, ikun paradossali li wieħed jimponi fuq La Poste l-pagament ta' kontribuzzjonijiet ta' qagħad meta din ma tibbenefikax mill-flessibbiltà tal-ġestjoni tal-personal li ikkostitwixxi l-kontroparti normali ta' din il-kontribuzzjoni. B'risposta għall-mistoqsija tal-Kummissjoni, Franza tindika b'mod partikolari

([30]) Dawn l-istimi jippreżentaw limiti metodoliġiċi dovuti għan-natura tas-sena finanzjarja.

li għall-uffiċjali impjegati ma’ La Poste ma teżisti l-ebda possibbiltà ta’ “ritorn” tad-dritt sħiħ fl-amministrazzjoni: trasferiment bħal dan jinkludi l-għaqda ta’ tliet kundizzjonijiet: talba ta’ l-impjegat konċernat (il-prinċipju ta’ volontarjat), l-eżistenza ta’ impjieg disponibbli fl-amministrazzjoni fejn jixtieq jaħdem u l-eżistenza ta’ postijiet bi kwalifiki ekwivalenti. Meta jitqiesu dawn l-elementi, Franza tikkunsidra li l-effett potenzjali ta’ l-arranġament ta’ mobilità mhuwiex sinifikanti ħafna fir-rigward ta’ regoli riġidi marbuta ma’ l-impjieg ta’ l-uffiċjali.

(92) Barra minn dan, Franza tenfasizza li l-impjieg ta’ l-uffiċjali jirrappreżenta żieda għal La Poste meta mqabbla ma’ l-impjieg ta’ impjegati tas-settur privat ([31]), u dan ikun xi jkun il-livell ikkunsidrat u inkluż wara l-korrezzjoni tad-differenzi minħabba x-xjuħija. Minkejja l-esklużjoni tar-riskju ta’ qagħad u mingħajr ma titqies żieda importanti inerenti għar-riġidità ta’ l-istat ta’ l-uffiċjali, La Poste wara r-riforma għalhekk ser tkompli, minkejja l-kontribuzzjoni ta’ ekwità fil-kompetizzjoni, tħallas spiża ta’ salarji globali superjuri għal dik tal-kompetituri tagħha sakemm l-uffiċjali ser ikunu impjegati ma’ La Poste.

(93) Fir-rigward tat-TEC, Franza tikkunsidra li hi tat prova tal-prudenza fid-definizzjoni tagħha. Din tenfasizza fil-fatt li l-awto-assigurazzjoni mwettqa minn La Poste għall-benefiċċji minħabba waqfien fix-xogħol minħabba mard, maternità, paternità u adozzjoni tiswa aktar mill-kontribuzzjonijiet fl-iskema ġenerali mħallsa mill-intrapriżi ta’ dritt komuni. Għalhekk din iż-żieda ma ġietx ikkunsidrata fil-kalkolazzjoni tat-TEC.

(94) Madankollu, b’risposta għal talba tal-Kummissjoni, Franza kkalkulat TEC fejn ikkunsidrat ir-riskji kollha, inkluż ir-riskji mhux komuni u r-riskji li huma suġġett ta’ skema distinta ta’ auto assigurazzoni minn La Poste ([32]). Fl-2006, l-impatt fuq it-TEC jekk ipotetikament jitqiesu l-kontribuzzjonijiet ta’ qagħad u AGS u dawk eċċezzjonali ta’ solidarjetà, kif ukoll benefiċċji fir-rigward ta’ waqfien mix-xogħol minħabba mard, maternità, paternità u adozzjoni ser ikun kif ġej: it-TEC globali modifikat jistabbilixxi ruħu għal […]%, minflok it-TEC ta’ 37,2 % notifikat. Għal kull settur, it-TEC modifikat ser ikun ta’ […]% fis-settur tal-posta (minflok 36,9 % kif notifikat) u ta’ […]% fis-settur bankarju (minflok ta’ 39,9 % kif notifikat).

| | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TEC globali ta’ La Poste | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| TEC ta’ l-attivitajiet tal-posta | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| TEC ta’ l-attivitajiet bankarji | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| TEC ipotetiku globali ta’ La Poste inkluż ir-riskju mhux komuni ta’ qagħad u benefiċċji għal waqfien mix-xogħol minħabba mard, maternità, paternità jew adozzjoni | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| TEC ipotetiku ta’ l-attivitajiet postali inkluż riskju mhux komuni ta’ qagħad u benefiċċji għal waqfien mix-xogħol minħabba mard, maternità, paternità u adozzjoni | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| TEC ipotetiku ta’ l-attivitajiet bankarji inkluż ir-riskju mhux komuni ta’ qagħad u benefiċċji għal waqfien mix-xogħol minħbba mard, maternità, paternità u adozzjoni | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] | […] |

([31]) Partikolarment b’konsegwenza tas-salarju l-aktar għolja.
([32]) L-informazzjoni fuq il-perjodu 1998-2004 ġiet mibnija b’data b’lura fuq il-bażi ta’ informazzjoni ta’ l-2005. L-ammonti ta’ salarji annwali ta’ l-uffiċjali, partikolarment is-salarji totali (gross) indikattivi, huma dawk irreġistrati għas-sena li għaliha huwa kkalkulat it-TEC. It-tqassim għal kull attività bejn qafas u nuqqas ta’ qafas ġew ikkalkolati pro-rata ta’ l-ammont totali tas-salarji ta’ l-uffiċjali u tas-salarji ta’ indiċi. Il-kontribuzzjonijiet huma kontribuzzjonijiet fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar tas-sena li għaliha huwa kkalkulat it-TEC. Il-Kummissjoni tqis li l-metodoloġija applikata hija koerenti u prudenti.

(95) Franza kkalkulat ukoll il-valuri attwalizzati netti (VAN) tal-kontribuzzjonijiet "ta' min iħaddem" ta' La Poste fix-xenarji li ġejjin:

| *(f'biljuni ta' euro)* | Il-liġi ta' l-1990 | Stabbilimenti pubbliċi (1) | TEC notifikat | TEC modifikat (2) |
|---|---|---|---|---|
| VAN | […] | […] | […] | […] |

(1) Franza kkalkulat il-VAN li jirriżulta mir-rati tal-kontribuzzjoni applikabbli għall-istabbilimenti pubbliċi, skond l-iskema ta' pensjoni għall-uffiċjali tas-servizz pubbliku.
(2) Inkluż il-kontribuzzjonijiet ta' qagħad u AGS, il-kontribuzzjoni eċċezzjonali ta' solidarjetà u l-ispiża tas-servizzi awto-assigurati.

(96) Skond Franza, il-modifika tat-TEC twassal għal żieda fil-VAN ta' 2 biljun euro li La Poste trid tħallas. Franza tqis li dan l-ammont jikkorrispondi għal-kontribuzzjoni fissa eċċezzjonali mħallsa minn La Poste fid-29 ta' Diċembru 2006.

(97) Franza tikkonkludi li r-riforma notifikata ma tinkludix għajnuna mill-Istat minħabba li La Poste mhi ser tibbenefika mill-ebda vantaġġ meta mqabbla mal-kompetituri tagħha.

(98) Madankollu, b'risposta għal-osservazzjonijiet u mistoqsijiet tal-Kummissjoni, Franza ddikjarat ruħha lesta, f'qafas ta' ftehim globali dwar din ir-riforma, li timpenja ruħha fuq il-punti li ġejjin:

i) it-TEC għandu jintegra t-total tal-kontribuzzjonijiet, inkuż il-kontribuzzjonijiet AGS u qagħad, il-kontribuzzjoni eċċezzjonali ta' solidarjetà u l-ispiża tas-servizzi awto-assigurati minn La Poste,

ii) il-ħlasijiet effettivi ta' La Poste, previsti mil-liġi u mid-digriet ta' l-applikazzjoni tagħha, għandhom jirrispettaw l-evoluzzjoni li tirriżulta mir-riforma notifikata, hekk li s-somma kapitalizzata tad-differenzi bejn il-kontribuzzjonijiet annwali li tirriżulta mill-applikazzjoni tat-TEC b'kunsiderazzjoni għar-riskji mhux komuni u l-kontribuzzjoni notifikata (TEC notifikat u kontribuzzjonijiet żejda 2006-2009) effettivment imħallsa jibqa' inferjuri għal 2 biljun euro (l-ammont tal-kontribuzzjoni fissa eċċezzjonali). Jekk din is-somma kapitalizzata teċċedi ż-2 biljun euro f'valur kapitalizzat, il-kontribuzzjoni ta' La Poste ser terġa' tittella' meta din tasal fil-livell tal-kontribuzzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tat-TEC b'kunsiderazzjoni tar-riskji mhux komuni.

(99) Fir-rigward tad-delimitazzjoni ta' l-ammont totali tas-salarji ta' l-uffiċjali bejn is-settur "servizzi finanzjarji" u s-settur "posta-pakketti", Franza tindika li qed tistrieħ fuq żewġ kriterji:

i) in-natura tal-kompetenzi meħtieġa biex tiġi eżerċitata l-funzjoni, li biha l-uffiċjali jiddisponu jew anqas mill-kompetenzi tal-bank speċifikament;

ii) l-entità ta' organizzazzjoni La Poste, li skondha n-numru, il-post ta' l-istabbiliment, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera ta' l-uffiċjali huma definiti minn La Poste u mill-Bank Postali.

(100) Minkejja n-nuqqas ta' ftehim dwar il-prinċipji, imma dejjem fil-perspettiva ta' ftehim globali dwar din-ir-riforma, Franza ddikjarat ruħha lesta li timpenja ruħha li twettaq, fil-kalkolazzjoni tat-TEC imwettqa kull sena, il-parti tal-persunal li jagħmel xogħol differenti li reġa' ġie impjegat mal-Bank Postali fil-qasam bankarju fuq il-bażi ta' l-informazzjoni maħruġa mill-kontabbilità analitika ta' La Poste.

(101) Biex tirrispondi għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni, Franza esplorat ukoll strateġija msejħa "intrinsika", iffukata fuq l-analiżi tal-kopertura mill-intrapriża ta' l-impenji relattivi għall-irtirar ta' l-uffiċjali. Franza tinsisti l-ewwelnett fuq il-fatt li din l-istrateġija tidrilha partikolarment mhux adatta għas-sitwazzjoni ta' La Poste, li (i) kellha impjegati magħha uffiċjali li l-istat tagħhom jibqa' sostnut u jibqa' determinat mill-Istat, u li l-iskema ta' rtirar tagħhom hija dilz applikabbli għall-persunal kollu ċivili u militari ta' l-Istat, u (ii) waqfet milli timpjega lill-uffiċjali.

(102) Wara Franza eżaminat jekk il-kontribuzzjoni tagħha mħallsa minn La Poste lill-Istat bħala finanzjament għall-irtirar ta' l-uffiċjali impjegati magħha kinitx tikkorrispondi għall-kundizzjonijiet li kien jaċċetta operatur fis-settur privat. Biex tagħmel dan, ir-remunerazzjoni li jirċievi l-Istat trid tkun ta' l-anqas ugwali għall-valur imwettaq nett ta' l-impenji li għalihom hi responsabbli La Poste u b'hekk tassigura l-finanzjament permezz tal-kapitalizzazzjoni integrali ta' dawn l-impenji. Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, Franza vverifikat li l-ħlasijiet imwettqa minn La Poste fil-passat koprew l-ispiża attwali normali (33) u li l-valur imwettaq nett tal-ħlasijiet futuri

(33) L-ispiża attwali annwali normali tikkorrispondi għad-drittijiet li jinkisbu fis-sena mqabbla ma' l-attività mwettqa fuq dan l-eżerċizzju.

ta' La Poste lill-Istat huwa ugwali għall-valur imwettaq nett ta' l-ispejjeż attwali annwali normali. Minn din l-analiżi Franza tikkonkludi li r-rata ta' kontribuzzjoni "ta' min iħaddem" tkun ta' […]%, jiġifieri ammont inferjuri ħafna għat-TEC notifikat. L-applikazzjoni ta' din ir-rata twassal lil La Poste biex tkun ħallset ammont żejjed ta' […] meta mqabbel ma' l-impenn li hu dovut minnha, jiġifieri dak li jikkorrispondi għas-snin ta' attività li l-uffiċjali għaddew ma' l-intrapriża sa minn meta din inħolqot fl-1990.

(103) Fil-każ fejn il-Kummissjoni tasal biex tikkonkludi l-preżenza ta' għajnuna fir-riforma, Franza tenfasizza l-prinċipju ta' raġunar żviluppat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura fir-rigward tal-kompatibilità tagħha, minħabba li r-riforma notifikata tistipula ġustament li tpoġġi lil La Poste f'sitwazzjoni li tista' titqabbel ma' dik tal-kompetituri tagħha. Franza tenfasizza fil-fatt li d-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura tfakkar li għajnuna hija partikolarment kompatibbli meta din tippermetti lil intrapriża li teħles lilha nnifisha minn spiża anterjuri għall-fażi ta' liberalizzazzjoni li taffetwa b'mod importanti il-kompetittività tagħha f'ambjent fejn qed isseħħ liberalizzazzjoni.

(104) F'dak li jikkonċerna r-responsabbiltà minħabba l-finanzjament ta' l-irtirar fl-iskema ta' dritt komuni, Franza tenfasizza li din il-kwistjoni m'għandhiex inċidenza fuq l-analiżi tar-riforma notifikata fir-rigward ta' l-għajnuna mill-Istat. Fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn La Poste u l-Istat, it-twaqqif ta' kontribuzzjoni liberatorja mħallsa minn La Poste mwaqqfa fuq TEC huwa fil-fatt biżżejjed biex jiggarantixxi n-nuqqas ta' kull għajnuna mill-Istat, mingħajr ma jkun neċessarju li wieħed jeżamina t-termini tal-finanzjament ta' pensjonijiet ta' l-uffiċjali li ser jinżammu fit-tmiem tar-riforma. F'dan il-qafas, ir-responsabbiltà tinvolvi biss żewġ partijiet, l-Istat u l-fond nazzjonali ta' assigurazzjoni għax-xjuħija, minħabba li wara r-riforma notifikata, La Poste tinħeles minn kull responsabbiltà f'dan ir-rigward. Minħabba li ż-żewġ partijiet li jipparteċipaw fir-responsabbiltà ma jistgħux jiġu kwalifikati bħala intrapriżi fis-sens tat-Trattat, dan ma jistax jgħodd bħala għajnuna mill-Istat.

(105) Franza għamlet il-kummenti tagħha dwar l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati fis-27 ta' Frar 2007. Din tikkunsidra li l-osservazzjonijiet in kwistjoni mhumiex ser jerġgħu jitfgħu dubji fuq l-analiżi skond liema l-miżura maħsuba ma tinkludi l-ebda element ta' għajnuna mill-Istat, hekk kif ġiet esposta fin-notifika u fid-diversi skambji li saru wara mal-Kummissjoni. Franza b'hekk tqis li l-partijiet terzi ma kienux f'pożizzjoni li jipproduċu argumenti pertinenti, ħlief li reġgħu esprimew id-dubji li ngħataw fid-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura u li Franza tqis li wriet li kienu bla bażi.

## 6. APPREZZAMENT TAL-MIŻURI

(106) Il-miżuri eżaminati mill-Kummissjoni fil-qafas ta' din id-deċiżjoni huma l-limitu ta' l-1998 u r-riforma notifikata ta' l-iskema tal-pensjonijiet għall-uffiċjali ma' La Poste skond l-Artikolu 150 tal-liġi ta' rettifika tal-finanzi għall-2006.

### 6.1. Kwalifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat

(107) Skond il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat, miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat jekk l-erba' kundizzjonijiet flimkien li ġejjin huma sodisfatti:

i) il-miżura trid tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju tagħha;

ii) il-miżura trid tgħawweġ jew thedded il-kompetizzjoni favur ċerti intrapriżi;

iii) tinvolvi intervent mill-Istat jew permezz ta' riżorsi mill-Istat;

iv) il-miżura trid tkun suxxettibbli li taffetwa l-iskambji bejn l-Istati Membri.

#### 6.1.1. *Riżorsi ta' l-Istat*

(108) Il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat jistipula l-għajnuna mogħtija mill-Istati jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat. Fi kliem ieħor, jaqbel li l-miżuri in kwistjoni jidhru bħala riżultat ta' aġir ta' l-Istat u li dawn jingħataw permezz ta' riżorsi ta' l-Istat.

(109) Min-naħa, il-kwota tal-kontribuzzjoni ta' La Poste, introdott fl-1998, jirriżulta minn kuntratt konkluż bejn l-Istat Franċiż u La Poste, li huwa kkwalifikat minn Franza minn "*terminu partikolari ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' l-1990*". Ir-riforma ta' l-2006 hija bbażata fuq liġi. Il-miżuri in kwistjoni għalhekk huma attribwibbli għal Franza.

(110) Min-naħa l-oħra, il-miżuri eżaminati huma suxxettibbli li jwasslu għal rinunċja min-naħa ta' l-Istat għal riżorsi finanzjarji minħabba li La Poste m'għadhiex tassigura l-ekwilibriju finanzjarju ta' l-iskema ta' l-uffiċjali impjegati magħha. Madankollu, hija ġurisprudenza kostanti li r-rinunċja ta' poteri pubbliċi għal ċerti dħul fiskali jew dħul ieħor ([34]) tikkostitwixxi riżors ta' l-Istat.

([34]) Sentenza tas-27 ta' Jannar 1998, *Ladbroke/Il-Kummissjoni*, T-67/94, *Ġabra* pp II-1, il-punt 109.

6.1.2. *L-allokazzjoni ta’ l-iskambji*

(111) Il-Kummissjoni tikkunsidra li s-swieq li fihom huwa attiv il-grupp La Poste huma fil-parti l-kbira miftuħa għall-iskambji intrakomunitarji, partikolarment id-Direttiva 88/361/KEE tal-Kunsill ta’ l-24 ta’ Ġunju 1988 għall-implimentazzjoni ta’ l-Artikolu 67 tat-Trattat ([35]) (ċirkolazzjoni ħielsa tal-kapital), tat-tieni Direttiva 89/646/KEE tal-Kunsill tal-15 ta’ Diċembru 1989 li tistipula l-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi rigward l-aċċess għall-attività ta’ stabbilimenti ta’ kreditu u l-eżerċizzju tiegħu, u li temenda d-Direttiva 77/780/KEE ([36]) (libertà tat-twaqqif) u tad-Direttiva 97/67/KE (direttiva postali). Ir-rapport finanzjarju 2005 tal-grupp La Poste jirraporta għalhekk li:

i) 64,5 % tad-dħul iseħħ fuq swieq miftuħa għall-kompetizzjoni,

ii) 15,2 % tad-dħul jitwettaq internazzjonalment (barra minn Franza), mqabbel ma’ 14,1 % fl-2004.

(112) Barra minn dan, ir-rapport finanzjarju msemmi jenfasizza l-kapaċità tal-grupp li jiżviluppa fuq swieq miftuħa fi Franza u fl-Ewropa.

(113) Bl-istess mod, fir-risposta tiegħu għar-rapport tal-Qorti ta’ l-Awdituri dwar La Poste fl-2003 ([37]), il-President ta’ La Poste jispjega li “il-Grupp ser ikompli l-internazzjonalizzazzjoni tiegħu, biex jikkunsidra l-ftuħ tas-swieq u ta’ l-internalizzazzjoni ta’ l-akbar klijenti tiegħu. L-intrapriżi, fl-oqsma tal-posta, tal-pakketti u ta’ l-*express*, fil-fatt dejjem aktar irrikorrew għal sejħiet ta’ offerti Ewropej. Il-Grupp irid ikun f’pożizzjoni li jirrispondi għal dan.”

(114) F’dan il-kuntest, huwa biżżejjed li wieħed iqis li s-swieq li La Poste hija attiva fihom għandhom dimensjoni transkonfinali u li La Poste hija f’kompetizzjoni ma’ l-intrapriżi li jinstabu fi Stati Membri oħra u ma’ l-intrapriżi Franċiżi attivi fuq dawn is-swieq internazzjonalment.

(115) Il-miżuri in kwistjoni jagħmlu aktar diffiċli l-attivitajiet kummerċjali ta’ l-operaturi Komunitarji li jixtiequ jiżviluppaw fi Franza.

([35]) ĠU L 178, 8.7.1988, p. 5.
([36]) ĠU L 386, 30.12.1989, p. 1. Direttiva rivokata mid-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 126, 26.5.2000, p. 1). L-istess Direttiva 200/12/KE ġiet sostitwita mid-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta’ l-14 ta’ Ġunju 2006 rigward l-aċċess għall-attività ta’ l-istabbilimenti ta’ kreditu u l-eżerċizzju tiegħu (rikodifikazzjoni) (ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1).
([37]) *Il-kontijiet u l-ġestjoni ta’ La Poste (1991-2002)*, Ottubru 2003.

(116) Il-miżuri in kwistjoni li jsaħħu l-pożizzjoni ta’ La Poste meta mqabbla ma’ operaturi oħra kompetituri fl-iskambji intrakomunitarji, il-Kummissjoni tikkunsidra li dawn jaffetwaw l-iskambji bejn l-Istati Membri u huma suxxettibbli li jgħawġu l-kompetizzjoni bejn l-operaturi.

(117) L-eżistenza ta’ monopolju legali fuq ċerti attivitajiet ta’ La Poste ma timmodifikax din l-konklużjoni. Fil-kuntest ta’ liberalizzazzjoni progressiva li ilha għaddejja mill-1998 u fil-bidu ta’ liberalizzazzjoni totali tas-servizzi postali, ir-riskju ta’ allokazzjoni ta’ l-iskambji jeżisti b’mod prevedibbli ([38]), anke għall-attivitajiet li llum għandhom monopolju, minħabba li l-attivitajiet ta’ monopolju u l-attivitajiet ta’ kompetizzjoni (bħal l-*express*) jużaw proċessi industrijali komuni fis-sistema tal-produzzjoni ta’ La Poste. Min-naħa l-oħra, l-attivitajiet ta’ monopolju jistgħu wkoll ikunu f’kompetizzjoni, indiretta, ma’ l-attivitajiet ta’ kompetizzjoni mhux postali, bħall-użu ta’ messaġġi elettroniċi (“e-substitution”) ([39]) jew tal-faks.

6.1.3. *Eżistenza ta’ vantaġġ selettiv favur La Poste*

(118) Sabiex wieħed japprezza jekk il-miżuri in kwistjoni jinkludux elementi ta’ għajnuna mill-Istat, jaqbel li wieħed jiddetermina jekk dawn il-miżuri jagħtux vantaġġ ekonomiku lil La Poste minħabba li dawn jippermettulha li tevita li tħallas l-ispejjeż li normalment kienu jtaqqlu r-riżorsi finanzjarja proprji ta’ l-intrapriża u għalhekk tellfu lill-forzi preżenti fuq is-suq milli jipproduċu l-konsegwenzi normali tagħhom ([40]).

(119) Għajnuna tikkonsisti minn tħaffif ta’ l-ispejjeż li normalment itaqqlu lill-baġit ta’ l-intrapriżi meta titqies in-natura jew l-ekonomija tas-sistema ta’ spejjeż in kwistjoni. Min-naħa l-oħra, jista’ jkun possibbli li wieħed jagħti definizzjoni lill-idea ta’ “spiża speċjali”, li tikkonsisti fi spiża supplementari meta mqabbla ma’ dawn l-ispejjeż normali ([41]). It-tneħħija ta’ tali spiża speċjali permezz ta’ dispożizzjoni leġiżlattiva ma tagħti l-ebda vantaġġ lill-benefiċjarju u għalhekk ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat.

([38]) Ir-rapport finanzjarju tal-grupp Posta għall-2005 b’hekk ifakkar “il-perspettiva tal-ftuħ totali għall-kompetizzjoni fl-2009” bħala element tal-pjan ta’ l-iżvilupp għal kull impjieg.
([39]) “Is-settur postali fl-UE bħalissa għaddej minn bidliet importanti, fosthom il-ftuħ progressiv tas-suq, it-tkabbir mgħaġġel u l-prezz dejjem aktar dgħajjef ta’ l-appoġġi elettroniċi kompetituri,…” (Dokument ta’ ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni, dokument mehmuż mal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/67/KE fir-rigward tal-kisba tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità – Ġabra ta’ l-analiżi ta’ l-impatt, SEC(2006)1292 tat-18 ta’ Ottubru 2006).
([40]) Deċiżjoni ta’ l-14 ta’ Frar 1990, *Franza/Il-Kummissjoni*, C-301/87, Ġabra p. 1, il-punt 41.
([41]) Deċiżjoni tal-Qorti ta’ l-20 ta’ Settembru 2001, C-390/98, *H.J. Banks & Co. Ltd/The Coal Authority et Secretary of State for Trade and Industry*, Ġabra p. I-6117.

(120) Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti dwar l-analiżi ta' selettività ([42]), li timplika tqabbil ma' qafas ta' referenza biex wieħed jiddetermina jekk hemmx konformità man-"natura u l-ekonomija tas-sistema" ta' trattament differenzjat ta' ċerti intrapriżi u ċerti produzzjonijiet, f'sitwazzjoni normali tas-suq minn punt strutturali, il-kwalifika ta' spiża "normali" jew "speċjali" timplika d-defnizzjoni ta' qafas ta' referenza, jew ta' tqabbil, bil-għan li wieħed jidentifika l-intrapriżi li jkunu f'sitwazzjoni ġuridika u fattwali li tista' titqabbel fir-rigward ta' l-għan mixtieq mill-miżuri konċernati ([43]).

(121) L-ewwelnett, jaqbel li wieħed ifakkar li r-riforma ma tipprevedix l-ugwaljanza bejn id-drittijiet għall-irtirar ta' l-uffiċjali kkonċernati ma' dawk ta' l-impjegati tal-kompetituri prinċipali ta' La Poste. Bl-istess mod, il-persunal konċernat huwa definit bħala uffiċjali, li jżommu l-istat partikolari tagħhom, filwaqt li l-impjegati tal-kompetituri prinċipali ta' La Poste għandhom kuntratt mas-settur privat. Ghalhekk, l-għan ta' dawn il-miżuri ma jikkonċernax strettament is-sistema ta' spejjeż magħmul mill-iskemi differenti ta' rtirar, kemm jekk dawn jikkonċernaw lill-impjegati mas-settur privat jew lill-uffiċjali. Dan pjuttost għandu għan aktar wiesa', dak li jassigura ekwità tal-kompetizzjoni bejn La Poste u l-kompetituri tagħha, b'kunsiderazzjoni partikolari għall-fatt li uħud mill-impjegati ta' La Poste huma uffiċjali li ġew impjegati magħha.

(122) Fit-teorija, jistgħu jeżistu diversi oqfsa ta' referenza: is-sitwazzjoni tal-kompetituri ta' La Poste, stabbilimenti oħra pubbliċi, l-iskema ta' pensjoni applikabbli għall-uffiċjali, kif ukoll France Télécom (sezzjoni 6.1.3.1). Jekk m'hu pertinenti l-ebda element ta' referenza anċillari ta' dan it-tip, il-qafas ta' referenza għall-eżistenza tal-vantaġġ allura tkun il-pożizzjoni ta' La Poste stess, qabel l-għotja tal-miżuri (sezzjoni 6.1.3.2).

(123) Fl-aħħarnett, b'risposta għad-dubji mqajjma fid-deċiżjoni tal-bidu ta' din il-proċedura, il-Kummissjoni ser teżamina wkoll jekk l-ispejjeż ta' La Poste kienux is-suġġett ta' tnaqqis li jikkorrispondi jew anqas fit-totalità tagħhom għal spiża "anomala" jew għal "żvantaġġ strutturali" fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti (sezzjoni 6.1.3.3)

#### 6.1.3.1. Nuqqas ta' element ta' referenza anċillari

(124) L-identifikazzjoni mill-Kummissjoni ta' operaturi li jkunu f'sitwazzjoni ġuridika u fattwali li tista' titqabbel ma' La Poste, fir-rigward tat-twaqqif ta' *level playing field* partikolarment f'dak li jikkonċerna l-iskema ta' rtirar, ikun tassew diffiċli.

(125) L-ewwelnett fir-rigward tal-kompetituri ta' La Poste, dawn huma soċjetajiet tas-settur privat attivi fuq swieq miftuħa għall-kompetizzjoni, fil-waqt li La Poste għandha stat simili għal dak ta' stabbiliment pubbliku b'karattru industrijali u kummerċjali (EPIC) ([44]), u għandha monopolju legali ([45]). Barra minn dan, il-fatt li l-kompetituri ta' La Poste għandhom impjegati b'kuntratt tas-settur privat, filwaqt li t-tqabbil qed jibbaża speċifikament fuq l-uffiċjali impjegati ma' La Poste, jimplika li dawn ma jistgħux jitqiesu bħala li huma f'sitwazzjoni ġuridika u fattwali li tista' titqabbel fir-rigward ta' l-għan tal-miżuri, fil-kuntest ta' l-analiżi ta' l-eżistenza ta' vantaġġ fis-sens tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat. Fil-fatt huwa xieraq li jintwera li s-sistema ta' rtirar ta' l-uffiċjali ġejja, kif muri fil-punti (25) u ta' wara, minn skema ġuridikament distinta u separata b'mod ċar mill-iskema applikabbli għall-impjegati tas-settur privat. Fi kwalunkwe każ, dan jimplika li, fir-rigward ta' l-għan aktar wiesa' li tiġi assigurata ekwità tal-kompetizzjoni bejn La Poste u l-kompetituri tagħha, huwa ċar li La Poste u l-kompetituri tagħha jridu jitqiesu bħala li jinstabu f'sitwazzjonijiet fattwali u ġuridiċi differenti.

(126) Għalhekk, il-kompetituri ta' La Poste ma jistgħux iservu bħala element ta' referenza fl-analiżi li l-Kummissjoni kellha twettaq sabiex tiddeċiedi l-eżistenza ta' vantaġġ fis-sens tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat.

(127) Madankollu, il-Kummissjoni tirrimarka li element ta' referenza bħal dan ser ikun tassew adattat għall-eżami tal-kompatibilità ta' l-għajnuna eventwali in kwistjoni fir-rigward tal-punt c) tal-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat minħabba li wieħed ser ikun jista' jistima b'mod aktar preċiż id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fuq is-swieq affetwati mill-għajnuna.

([42]) Deċiżjoni tal-Qorti tat-8 ta' Novembru 2001, C-143/99, *Adria-Wien Pipeline GmbH et Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke*, Ġabra p. I-8365, il-punt 41.

([43]) Dan il-punt jirrispondi wkoll għal osservazzjoni ta' […] skond liema l'apprezzament tal-karattru "anomalu" ta' l-ispiża relattiva għall-impjieg ta' l-ufffiċjali msemmija. Il-Kummissjoni tinnota wkoll dwar dan is-suġġett li kontabbilità bħal din hija prattikament impossibbli li titwettaq.

([44]) Fi Franza, fi stabbilimenti pubbliċi, wieħed jopera distinzjoni ta' prinċipju bejn l-istabbilimenti pubbliċi b'karattru amministrattiv (EPA), li jassiguraw il-missjonijiet tradizzjonali ta' l-amministrazzjoni, u l-istabbilimenti pubbliċi b'karattru industrijali u kummerċjali (EPIC), li jeżerċitaw attivitajiet ta' natura ekonomika. Ċerti stabbilimenti pubbliċi ma ġewx ikkwalifikati mil-liġi ta' EPA jew ta' EPIC. Dan huwa l-każ ta' La Poste. Il-Qorti tal-Kassazzjoni madankollu żammet il-prinċipju skond liema La Poste hija mqabbla ma' EPIC fid-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Jannar 2001 (it-tieni kamra ċivili). Ara r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' Ottubru 2006 li tipproponi l-adozzjoni tal-miżuri utli li jikkonċernaw garanzija mingħajr limitu ta' l-Istat favur La Poste (il-każ E 15/2005).

([45]) It-tariffi relattivi għal dawn huma ffissati skond il-prinċipji definiti mid-Direttiva 97/67/KE. Partikolarment, fl-Artikolu 12 tad-Direttiva msemmija, huwa previst li l-prezzijiet iridu jkunu orjentati skond l-ispejjeż u li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li tariffa unika hija applikata fuq it-territorju nazzjonali kollu tagħhom.

(128) Il-Kummissjoni fittxet jekk setgħux jiġu identifikati elementi ta' referenza oħra.

(129) Element ta' referenza teoretiku għalhekk seta' kien l-iskema ta' pensjoni applikabbli għall-uffiċjali, organizzat mill-kodiċi tal-pensjonijiet ċivili u militari għall-irtirar. Madankollu, din l-iskema fiha nnifisha ma setatx tiġi applikata għal ċirkostanzi fattwali simili għal dawk li ltaqgħat magħhom La Poste. Pereżempju, l-uffiċjali ġeneralment ma jaħdmux fis-setturi ta' merkanzija bħal dawk li hija attiva fihom La Poste.

(130) Fost l-EPIC bi statut simili għal dak ta' La Poste, il-Kummissjoni ma setatx tidentifika grupp ta' operaturi ekonomiċi li jiffurmaw grupp omoġenu, li jista' jservi bħala element ta' referenza. Huma biss xi ftit EPIC, partikolarment l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Foresti jew it-Teżor ta' Pariġi, li jippreżentaw elementi simili mas-sitwazzjoni ta' La Poste. Madankollu, dawn l-elementi ta' disparità, ma jkunux biżżejjed biex jistabbilixxu element ta' referenza koerenti.

(131) Għalhekk il-Kummissjoni tikkunsidra li la l-istabbilimenti pubbliċi u l-anqas l-iskema ta' pensjoni applikabbli għall-uffiċjali ma jikkostitwixxu element ta' referenza pertinenti f'din il-kwistjoni.

(132) Barra minn hekk, il-Kummissjoni eżaminat il-possibbiltà li tqabbel lil La Poste ma' France Télécom. Il-liġi ta' l-1990 biddlet id-direzzjoni ġenerali antika tat-telekomunikazzjoni f'żewġ persuni ġuridiċi tas-settur pubbliku: La Poste u France Telecom. Jekk din timpjega kemm impjegati b'kuntratt tas-settur privat u uffiċjali, fl-1996 France Télécom saret soċjetà anonima, ikkwotata fil-Borża. Din m'għadhiex f'sitwazzjoni ġuridika u fattwali li tista' titqabbel fir-rigward ta' l-iskop tal-miżuri in kwistjoni. Barra minn dan, […], il-kompatibilità tar-regoli applikabbli għal France Télécom fil-qasam tal-kontribuzzjonijiet soċjali u fiskali obbligatorji hija suġġett ta' lment quddiem il-Kummissjoni, u l-Kummissjoni ma tistax tippreġudika l-konklużjoni tagħha f'din il-kwistjoni permezz ta' din id-deċiżjoni.

(133) Biex nikkonkludu, il-Kummissjoni tqis li ma jeżisti l-ebda element ta' referenza anċillari li jippermetti d-definizzjoni ta' kontribuzzjoni "normali" sostnuta minn intrapriżi li jinstabu f'sitwazzjoni ġuridika u fattwali li tista' titqabbel ma' dik ta' La Poste fir-rigward ta' l-għan imfittex mill-miżuri konċernati.

(134) Jekk il-Kummissjoni setgħet iżżomm element ta' referenza anċillari pertinenti, li permezz ta' referenza għalih setgħet tiġi definita l-eżistenza ta' spejjeż "anomali", il-miżuri in kwistjoni kienu jkunu jistgħu ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat taħt ċerti kundizzjonijiet, partikolarment fuq il-bażi tal-kalkolazzjoni tat-TEC.

(135) La d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kwistjoni *Sabena/Swissair* ([46]) u l-anqas is-sentenza *Enirisorse*, imsemmija minn Franza ma jimmodifikaw il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward ta' l-eżistenza ta' vantaġġ favur La Poste. Fil-fatt, id-deċiżjoni *Sabena/Swissair* li tistabbilixxi miżura rigward settur (it-trasport bl-ajru) u mhux intrapriża speċifika, hija miżura ġenerali ta' politika ekonomika. Il-karattru settorjali, u mhux individwali (illimitat għal intrapriża waħda) tal-miżura jikkostitwixxi differenza importanti meta mqabbel mal-każ ta' La Poste, partikolarment għax ippermetta lill-Kummissjoni li tistabbilixxi element ta' referenza anċillari, l-iskema ta' kontribuzzjonijiet soċjali applikata għas-setturi industrijali l-oħra Belġjani. Bl-istess mod, fis-sentenza *Enirisorse*, il-Qorti tibbaża l-konklużjoni tagħha fuq tqabbil tal-miżura kontenzjuża meta mqabbla ma' "sitwazzjoni normali" ([47]), li l-Qorti setat tiddefinixxi imma li ma teżistix b'mod simili f'din il-kwistjoni.

(136) Għall-analiżi ta' l-eżistenza ta' vantaġġ fis-sens tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat, il-Kummissjoni għalhekk trid teżamina s-sitwazzjoni ta' La Poste billi tqabbel il-kontribuzzjonijiet soċjali u fiskali obbligatorji qabel u wara l-miżuri in kwistjoni.

#### 6.1.3.2. Is-sitwazzjoni ta' La Poste qabel u wara l-miżuri in kwistjoni

(137) Il-kontribuzzjonijiet soċjali u fiskali obbligatorji qabel il-miżuri in kwistjoni huma dawk definiti mil-liġi ta' l-1990. Fin-nuqqas ta' element ta' referenza anċillari, dawn jikkostitwixxu l-qafas ta' referenza li jippermetti li jiġi stabbilit l-eżistenza ta' vantaġġ.

(138) Il-limitu introdott fl-1998 ippermetta li jitnaqqas l-ammont tal-kontribuzzjoni "ta' min iħaddem" għall-pensjonijiet ta' l-uffiċjali impjegati ma' La Poste għal ammont li Franza stess stmat għal madwar […] għall-perjodu 1998-2006.

(139) B'mod partikolari, il-liġi ta' l-2006 għandha l-effett li tissostitwixxi l-kontribuzzjoni ta' La Poste b'kontribuzzjoni li tallinja l-ispejjeż ta' l-irtirar sostnuti minn La Poste għal ma' dawk tal-kompetituri tagħha u mhix waħda obbligatorja. Mingħajr din il-liġi, ir-rata ta' kontribuzzjoni "ta' min iħaddem" fis-snin futuri tkompli tiżdied sostanzjalment, partikolarment minħabba d-deterjorament tar-rapport bejn l-impjegati attivi (min iħallas il-kontribuzzjonijiet)/l-impjegati inattivi (benefiċċjarji tas-servizzi) bħala konsegwenza tal-fatt li La Poste ma baqgħetx timpjega uffiċjali, minkejja l-efetti pożittivi ta' dan il-limitu.

(140) Għalhekk il-Kummissjoni tqis li l-miżuri in kwistjoni jeħilsu lil La Poste mill-ispejjeż li kien ikollha tħalas skond il-liġi ta' l-1990.

([46]) L-ittra SG(95) D/9783 tal-25/7/1995.

([47]) Ara l-punt 48 tas-sentenza in kwistjoni.

(141) Fil-kuntest ta' analiżi tan-natura normali jew le ta' l-ispejjeż ta' l-irtirar għal La Poste stess, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-obbligi li trid tassumi l-intrapriża skond il-leġiżlazzjoni tax-xogħol jew ta' ftehim kollettiv konkluż mat-trejdjunjins fil-qasam ta' ħlas għat-temma ta' impjieg u/jew ta' irtirar kmieni huma parti mill-ispejjeż normali li intrapriża trid tiffinanzja mir-riżorsi tagħha stess ([48]).

(142) Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ispejjeż ta' l-irtirar li trid tħallas La Poste skond il-liġi ta' l-1990 huma spejjeż normali ([49]). Għalhekk, il-miżuri in kwistjoni jippermettu li wieħed jevita li jħallas spejjeż li normalment kienu jtaqqlu r-riservi propji ta' La Poste, dawn il-miżuri jagħtu vantaġġ lill-operatur fis-sens tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat.

(143) Il-vantaġġ imsemmi huwa selettiv minħabba li jikkonċerna biss lil La Poste. Fin-nuqqas ta' qafas ta' referenza ancillari, din il-limitazzjoni mhix ġustifikata min-natura u l-ekonomija tas-sistema in kwistjoni.

#### 6.1.3.3. L-eżistenza ta' spiża anomala / bidu tal-proċedura

(144) Id-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura tirreferi b'mod dettaljat għas-sentenza *Combus*, fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza tidher li kkunsidrat bħala spejjeż "anomali" l-ispejjeż li jirriżultaw mill-istat derogatorju tal-persunal ta' intrapriża li, wara riforma, jinstab f'sitwazzjoni ta' dritt komuni, u għalhekk identika għal dik tal-kompetituri tagħha, fir-rigward tal-ġestjoni tal-persunal tagħha. Għalhekk il-Qorti ddikjarat ([50]): "il-miżura in kwistjoni kellha l-għan li tissostitwixxi l-istat privileġġjat u għoli ta' l-uffiċjali impjegati ma' Combus bi stat ta' aġent b'kuntratt li jista' jitqabbel ma' dak ta' l-impjegati ta' intrapriżi oħra ta' trasport bil-karrozza tal-linja li huma l-kompetituri ta' Combus. Għalhekk kien jitratta li Combus tiġi meħlusa minn żvantaġġ strutturali meta mqabbla mal-kompetituri privati tagħha. Madankollu, il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 87 KE għandu biss l-għan li jiġu projbiti vantaġġi li jjiffavorixxu ċerti intrapriżi, fejn l-idea ta' għajnuna tkopri biss interventi li jħaffu l-ispejjeż li normalment itaqqlu l-baġit ta' intrapriża u li jridu jitqiesu bħala vantaġġ ekonomiku li l-intrapriża li tibbenefika minnu ma knitx tikseb f'kundissjonijiet normali tas-suq. […]. Barra minn dan, l-Istat Daniż seta', minflok iħallas is-somma ta' 100 miljun DKK direttament lill-uffiċjali impjegati ma' Combus, jikseb l-istess riżultat billi jerġa' jimpjega lil dawn l-uffiċjali fl-amministrazzjoni pubblika, mingħajr ma jħallas sussidju speċifiku, li kien jippermetti li Combus timpjega immedjatament lil aġenti b'kuntratt li jaqgħu taħt l-istat ta' dritt privat."

(145) B'mod ġenerali, jaqbel li wieħed ifakkar l-ewwelnett li l-ġurisprudenza *Combus* ma ġietx ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja. Ċerti elementi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jikkontradixxu l-ipoteżi skond liema l-kumpens ta' żvantaġġ strutturali jeskludi l-kwalifikazzjoni ta' għajnuna. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja dejjem indikat li l-eżistenza ta' għajnuna kellha tkun apprezzata fir-rigward ta' l-effetti u mhux skond il-kawżi jew l-għanijiet ta' l-interventi mill-Istat ([51]). Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet ukoll li l-idea ta' għajnuna tkopri l-vantaġġi mogħtija mill-awtoritajiet pubbliċi li, taħt forom differenti, iħaffu l-ispejjeż li normalment itaqqlu lill-baġit ta' intrapriża ([53]). Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll b'mod ċar li l-ispejjeż marbuta mar-remunerazzjoni ta' l-impjegati tagħhom huma ta' piż, min-natura tagħhom, fuq il-baġit ta' l-intrapriżi, indipendentement mill-kwistjoni li wieħed ikun jaf jekk l-ispejjeż humiex ġejjin jew le minn obbligi legali jew minn ftehim kollettiv ([53]). F'dan il-qafas, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li l-miżuri ta' l-Istat kellhom l-għan li jikkumpensaw spejjeż żejda ma jeżentahomx milli jiġu kkwalifikati bħala għajnuna ([54]).

(146) Madankollu, Franza ssostni fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju enunċjat mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza *Combus*, waqt li affermat li r-riforma notifikata teħles lil La Poste minn spiża "anomala". Il-Kummissjoni trid tenfasizza li elementi materjali jiddifferenzjaw il-kwistjoni Combus minn din il-kwistjoni, kif muri mill-elementi li ġejjin:

i) Il-kumpens ser jitħallas direttament lill-uffiċjali impjegati minn Combus fil-waqt li l-miżuri li huma s-suġġett ta' din id-deċiżjoni jikkonċernaw il-kontribuzzjonijiet "ta' min iħaddem" ta' La Poste.

ii) Il-Kummissjoni tikkunsidra li fil-prattika, Franza ma kellhiex il-possibbiltà li terġa tintegra il-180 000 uffiċjal ta' La Poste fl-amministrazzjoni. Franza tikteb li għall-uffiċjali li jeżerċitaw ma' La Poste ma teżisti l-ebda possibbiltà ta' "ritorn" fil-prinċipju jew bi dritt sħiħ lura fl-amministrazzjoni. L-uffiċjali impjegati ma' La Poste jappartjenu għal korp definit minħabba l-istat partikolari tagħhom. Għalhekk, dan m'għandhomx *a priori* il-possibbiltà li jeżerċitaw l–attività tagħhom barra minn La Poste, u, bl-istess mod, ma jeżisti l-ebda mod biex dawn jiġu mġegħla li jkomplu

([48]) Ara l-punt 63 tal-linji gwida Komunitarji rigward l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturazzjon ta' intrapriżi f'diffikultà.

([49]) Konklużjoni bħal din probabilment ma setgħetx issir li kieku seta' jiġi definit element ta' referenza ancillari. Madankollu dan ma kienx possibbli fil-kuntest ta' eżami tal-vantaġġ selettiv fis-sens tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat.

([50]) Sentenza *Combus* diġà msemmija, il-punt 57.

([51]) Sentenza tal-Qorti tat-2 ta' Lulju 1974, 173/73, *L-Italja/Il-Kummissjoni*, Ġabra p. 709, il-punt 13; sentenza tal-Qorti ta' l-24 ta' Frar 1987, C-310/85, *Deufil/Il-Kummissjoni*, Ġabra p. 901, il-punt 8; sentenza tal-Qorti tas-26 ta' Settembru 1996, C-241/94, *Franza/Il-Kummissjoni*, Ġabra p. I-4551, il-punt 20.

([53]) Sentenza tal-Qorti tal-15 ta' Marzu 1994, C-387/92, *Banco Exterior*, Ġabra p. I-877, il-punt 13; sentenza diġà msemmija fil-kwistjoni C-241/94, il-punt 34.

([53]) Sentenza tal-Qorti tat-12 ta' Diċembru 2002, C-5/01, *Il-Belġju/Il-Kummissjoni*, Ġabra p. I-1191, il-punt 39.

([54]) Sentenza tal-Qorti tat-23 ta' Frar 1961, 30/59, *Gezamenlijke Steenkolenmijnen in Limburg/Haute Autorité*, Ġabra p. 3, il-punti 29 u 30; sentenza diġà msemmi fil-kwistjoni C-173/73, il-punti 12 u 13; sentenza diġà msemmi fil-kwistjoni C-241/94, il-punti 29 u 35; sentenza tal-Qorti tal-5 ta' Ottubru 1999, C-251/97, *Franza/Il-Kummissjoni*, Ġabra p. I-6639, il-punti 40, 46 u 47.

jaħdmu barra minn La Poste. Barra minn dan, id-diffikultà li l-180 000 uffiċjal fis-servizz ta' La Poste jerġgħu jiġu integrati mill-ġdid fl-amministrazzjonijiet tippreżenta problemi ta' kwalifiki professjonali. Fil-fatt, ostaklu enfasizzat minn Franza fil-każ ta' integrazzjoni mill-ġdid eventwali huwa l-eżistenza ta' postijiet disponibbli li jinħtieġu kwalifika ekwivalenti. Din hija diffikultà speċifika għal La Poste. L-istruttura tal-kwalifikazzjonijiet ta' l-uffiċjali impjegati ma' La Poste hija tassew differenti minn dik ta' l-uffiċjali ta' l-amministrazzjonijiet pubbliċi. L-uffiċjali impjegati ma' La Poste jokkupaw fil-parti l-kbira l-impjiegi fejn m'hemmx bżonn kwalifika għolja, fil-waqt li l-bżonnijiet ta' l-amministrazzjonijiet ta' l-Istat u ta' l-awtoritajiet reġjonali jikkorrispondu prinċiparjament għal impjiegi f'qafas fejn hija meħtieġa kwalifika superjuri.

iii) Il-miżura rilevanti ta' l-Istat fil-kwistjoni *Combus* kellha l-għan li tissostitwixxi l-istat privileġġjat u għoli ta' l-uffiċjali impjegati ma' *Combus* bi stat ta' aġent b'kuntratt li jista' jitqabbel ma' dak ta' impjegati ta' intrapriżi oħra ta' trasport bil-karrozza tal-linja li huma kompetituri ta' *Combus*. Min-naħa l-oħra, l-istat u d-drittijiet ta' l-uffiċjali ta' La Poste baqgħu ma nbidlux minħabba l-miżuri in kwistjoni ([55]). Dan l-istat u dawn id-drittijiet huma differenti minn dawk ta' l-impjegati, b'kuntratt tas-settur privat, impjegati ma' l-intrapriżi li huma kompetituri ta' La Poste.

Bl-istess mod, f'dak li jikkonċerna l-istat allegatament "privileġġjat u għoli" ta' l-uffiċjali ta' La Poste meta mqabbel mal-kundizzjonijiet ta' impjieg ta' l-impjegati tal-kompetituri ta' La Poste, il-Kummissjoni kompliet biex tagħmel tqabbil, fuq il-bażi ta' informazzjoni tal-bilanċ ipubblikat minn żewġ banek ([56]), bejn l-ispejjeż tas-salarji totali ta' dawn ilbanek u l-ispejjeż tas-salarji totali ta' l-uffiċjali ta' La Poste. Ir-riżultati juru li l-ispiża tas-salarji totali medja fil-banek imsemmija hija probabilment superjuri (jew ta' l-anqas ugwali) għall-ispiża tas-salarji medja ta' l-uffiċjali ta' La Poste. Mistoqsija f'dan ir-rigward, Franza tagħraf li hi m'għandhiex aċċess għal informazzjoni affidabbli u pertinenti dwar l-ispiża medja ta' impjegat b'kuntratt ma' l-intrapriżi li huma kompetituri ta' La Poste ([57]). Għalhekk, hi rrikorriet għal tqarrib biex turi li għall-istess żmien ta' servizz, l-ispiża medja ta' l-uffiċjali impjegati ma' La Poste hija superjuri għal-ispiża medja ta' impjegati "simili" impjegati fuq kuntratt għal żmien mhux definit (CDI), kemm fl-attivitajiet "posta/pakketti" u kemm fl-attivitajiet tal-bank. It-tqarrib ġej mill-ipoteżi sostnuta minn Franza fejn tgħid li l-ispiża medja ta' ħaddiema tas-settur privat impjegati ma' La Poste jista' jitqabbel ma' dak ta' impjegat ma' kompetitur fl-istess settur. Il-Kummissjoni tikkunsidra li din l-ipoteżi mhix aċċettabbli għax din tinjora elementi fundamentali tad-definizzjoni ta' salarji, partikolarment l-effetti ta' *brand image* ta' min jimpjega. *Brand image* pożittiva ta' La Poste, assoċjata pereżempju ma' perspettivi ta' karriera fit-tul, tippermetti li din ikollha salarji aktar baxxi mill-kompetituri li ma jibbenefikawx mill-istess *image*. Huwa għalhekk, mingħajr ma teskludi l-possibbiltà, li l-Kummissjoni tqis li Franza ma wrietx b'mod konvinċenti li l-istat ta' l-uffiċjali ta' La Poste kien fl-istess ħin "privileġġjat u għoli" meta mqabbel mal-kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' persuni b'salarju impjegati mal-kompetituri ta' La Poste.

iv) Il-kuntest ta' kompetizzjoni ta' l-attivitajiet ta' *Combus* kien differenti minn dak li fih evolviet La Poste. Is-soċjetà anonima *Combus* A/S kellha tmexxi l-attività tat-trasport fuq bażi kummerċjali u topera fuq is-suq fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li jitqabblu ma' dawk tas-soċjetajiet privati ta' karrozzi tal-linja. F'dan il-kuntest, is-soċjetajiet pubbliċi ta' ġestjoni tat-trasport, wara sejħa għall-offerti, iċedu t-twettiq tat-trasport bil-karrozza tal-linja lill-intrapiżi privati u pubbliċi. Skond ir-regoli li jirregolaw is-sejħa għall-offerti, is-swieq jingħataw lill-"offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament", mingħajr ma jkun hemm lok li wieħed jikkunsidra n-natura privata jew pubblika ta' l-offerent. La Poste tgawdi minn settur kbir monopolistiku, fejn l-obbligi ekonomiċi jeżerċitaw ruħhom b'mod differenti.

(147) Il-Kummissjoni tqis li d-differenzi fattwali bejn il-kwistjoni *Combus* u dan il-każ huma suffiċjenti biex jiġġustifikaw raġunament differenti għaż-żewġ kwistjonijiet.

(148) Fl-aħħarnett, l-istrateġija msejħa "intrinsika" minn Franza mhix meqjusa bħala adattata mill-Kummissjoni, partikolarment minħabba partikolaritajiet tal-popolazzjoni (magħluqa) ta' l-uffiċjali kkonċernati u tal-ħolqien reċenti ta' l-intrapriża. Franza taqsam ukoll din ml-opinjoni. Barra minn dan, il-kalkoli ta' Franza jqabblu l-ispejjeż fil-fatt imħallsa minn La Poste (u għalhekk inklużi fil-limitu ta' l-1998) ma' dawk li kienu jitħallsu minn La Poste li kieku, meta ġiet stabbilita fl-1 ta' Jannar 1991, din kienet stabbiliet skema ta' rtirar ġdida, fejn toffri wkoll benefiċċji, imma amministrata permezz ta' kapitalizzazzjoni. Dan it-tqabbil iseħħ, skond il-Kummissjoni, b'mod ipotetiku wisq biex jippermetti li jsiru konklużjonijiet pertinenti dwar in-natura ta' l-għajnuna tal-miżuri in kwistjoni.

([55]) Hawn jitratta differenza essenzjali mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2003 fil-kwistjoni N 483/2000 – *L-Olanda, Bejgħ tal-grupp Ingenieurbureau Zuid-Holland* (ĠU C 5 tat-8.1.2002, p. 2), imsemmija fid-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura u li fiha l-kumpens finanzjarju mħallas mill-awtoritajiet Olandiżi kien imħallas lill-impjegati li tilfu l-istat ta' uffiċjal provinċjali u l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg assoċjati tagħhom.

([56]) Iż-żewġ banek konċernati huma Crédit agricole u BNP-Paribas.

([57]) Franza tressaq ukoll argumenti ġenerali dwar in-natura differenti ta' l-attivitajiet tal-Bank Postali meta mqabbla mal-banek il-kbar (li jeżerċitaw ukoll attivitajiet ta' bank ta' investiment u ta' finanzjament, u huma aktar preżenti fuq il-parti "għolja" ta' operazzjonijiet bankarji retail (*EurLex – C2007/270/08*)). Madankollu, dawn l-elementi mhumiex kwantifikti minn Franza, hekk li mhux possibbli li wieħed jasal għal konklużjoni inekwivoka ta' l-argumenti ppreżentati.

6.1.4. *Id-distorsjoni tal-kundizzjonjiet tal-kompetizzjoni*

(149) Il-miżuri msemmija jagħtu vantaġġ ekonomiku selettiv minħabba li dan jikkonċerna biss intrapriża waħda, La Poste ([58]). Miżuri bħal dawn jheddu li jgħawġu, fil-prinċipju, il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ([59]).

6.1.5. *Konklużjoni*

(150) Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, fid-dawl tal-ġurisprudenza pertinenti, bl-inklużjoni tas-sentenza *Combus*, jidher li l-miżuri in kwistjoni jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat.

6.2. **L-illegalità ta' l-għajnuna**

(151) Il-limitu ta' l-1998 twettaq mingħajr ma kien notifikat preċedentement lill-Kummissjoni. Għalhekk dan huwa illegali.

(152) Il-Kummissjoni tirrimarka dwar dan li l-limitu pproduċa effetti kemm fuq is-swieq liberalizzati u kemm fuq attivitajiet li jiddependu minn monopolju legali. La Poste għalhekk ma kinitx teżerċita biss attivitajiet ta' monopolju ([60]). Il-limitu għalhekk ma jistax jitqies bħala għajnuna eżistenti.

(153) Ir-riforma ta' l-2006 ġiet innotifikata lill-Kummissjoni. It-twettiq tagħha huwa sospiż fil-miżura fejn La Poste tkompli tħallas il-kontribuzzjoni "ta' min iħaddem" li tirriżulta mil-limitu ta' l-1998. Ir-riforma ta' l-2006 għalhekk għadha ma twettqitx.

6.3. **Il-kompatibilità ta' l-għajnuna mas-suq komuni**

***Qafas ġenerali ta' l-eżami tal-kompatibilità ta' l-għajnuna msemmija***

(154) Id-derogi stipulati fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat, rigward l-għajnuna ta' karattru soċjali mogħtija lill-konsumaturi individwali, l-għajnuna bil-għan li tirrimedja d-diżastri naturali u avvenimenti straordinarji oħra, kif ukoll għajnuna mogħtija f'ċerti reġjuni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, m'għandhom l-ebda pertinenza f'dan il-każ.

(155) Fir-rigward tad-derogi previsti fil-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat, il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna in kwistjoni mhix maħsuba biex tiffavorixxi l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni li fihom il-livell ta' ħajja huwa baxx ħafna jew li fihom jeżisti numru għoli ta' nies qiegħda, li dawn ma jikkostitwux proġett ta' interess Ewropew u li m'għandhomx l-għan li jirmedjaw għal taqlib gravi ta' l-ekonomija Franċiża. Dawn m'għandhomx l-għan li jippromwovu l-kultura u l-ħarsien tal-patrimonju.

(156) Jaqbel li wieħed jeżamina jekk il-miżuri jistgħux jiġu ddikjarati bħala kompatibbli mill-Kummissjoni skond il-punt c) tal-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat, skond liema għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti sttivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi tista' tiħi ddikjarata kompatibbli mas-suq komuni meta din ma tbiddilx il-kundizzjonijiet ta' l-iskambji kummerċjali f'miżura li tmur kontra l-interess komuni.

(157) Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li Franza ma invokatx il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 86 tat-Trattat bħala bażi tal-kompatibilità ta' l-għajnuna mogħtija lil La Poste.

***Analiżi ta' l-effetti ta' l-għajnuna – l-intensità tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni***

(158) Meta jitqiesu n-natura u l-effetti tar-riforma, li tallinja l-kontribuzzjonijiet ta' La Poste skond dawk tal-kompetituri tagħha, il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjoni tal-kompatibilità ta' l-għajnuna trid titwettaq skond it-twaqqif ta' kundizzjonijiet ugwali ("*level playing field*") fil-qasam tal-kontribuzzjonijiet soċjali u fiskali obbligatorji bejn La Poste u l-kompetituri tagħha, fl-oqsma tal-posta/-pakketti u tas-servizzi finanzjarji, li jikkostitwixxu l-attivitajiet essenzjali ta' La Poste ([61]).

(159) Biex wieħed janalizza l-effetti ta' l-għajnuna u jevalwa l-intensità tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni trid l-ewwelnett teżamina l-livell tal-kontribuzzjonijiet imħallsa minn La Poste meta mqabbla mal-kompetituri tagħha, fid-dawl ta' l-impenji ta' Franza. Wara, il-Kummissjoni ser tidentifika dak li kien jiġi prodott li kieku La Poste ma bbenefikatx mill-għajnuna in kwistjoni. L-effetti pożittivi ta' l-għajnuna imbagħad ser jiġu analizzati, kif ukoll l-effetti negattivi tagħhom. Għalhekk ser ikun possibbli li jsir bilanċ tal-kompatibilità globali.

***Il-livell tal-kontribuzzjonijiet imħallsa minn La Poste***

(160) Il-Kummissjoni studjat tassew fil-fond il-mekkaniżmu għall-kalkolazzjoni tat-TEC.

---

([58]) Żewġ intrapriżi, La Poste u France Télécom, kienu suġġetti għall-mekkaniżmu ta' l-irtirar definit mil-liġi ta' l-1990. L-iskema applikabbli għal France Télécom ġiet emendata fl-1996-1997. La Poste biss wara baqgħet sottoposta għall-mekkaniżmu tal-liġi ta' l-1990.

([59]) Ara s-sentenza tal-Qorti ta' l-20 ta' Novembru 2003, *GEMO S.A.*, C-126/01, Ġabra p. I-13769, il-punt 33).

([60]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Ġunju 2000, T-298/97, T-312/97, T-313/97, T-315/97, T-600/97 sa 607/97, T-1/98, T-3/98 sa T-6/98 u T-23/98, *Alzetta Mauro/Il-Kummissjoni*, Ġabra p. II-02319, il-punt 147.

([61]) F'dan il-kuntest, fin-nuqqas ta' marġini ta' ċaqliq għal teħid ta' deċiżjoni ta' La Poste meta jitqies il-karattru globalment komparabbli tas-servizzi mogħtija mill-iskema ġenerali u minn dak ta' l-uffiċjali (partikolarment il-liġi Nru 2003-775 tal-21 ta' Awwissu 2003 li twassal riforma ta' l-irtirar torganizza l-allinjament skondl-iskema ġenerali tat-tul ta' assigurazzjoni meħtieġa fil-funzjoni pubblika biex jibbenefika minn irtirar b'rata sħiħa), il-Kummissjoni tqis li mhuwiex pertinenti li wieħed iqabbel is-servizzi offerti mill-iskemi in kwistjoni. Tqabbil bħal dan mhux possibbli minħabba li dan jimplika konsiderazzjonijiet indiretti u inċerti, bħat-tqabbil tal-vantaġġi u ta' żvantaġġi ta' l-impjieg ta' l-uffiċjali meta mqabbla ma' impjegati b'kuntratt ta' kuntratt tas-servizz privat. Ikun xi jkun, il-mistoqsija vera f'termini ta' kompetizzjoni hija li wieħed janalizza dak li għandu effett fuq il-kontijiet ta' La Poste meta mqabbla mal-kompetituri tagħha: il-kontribuzzjonijiet li jridu jitħallsu.

(161) Minn qabel, tajjeb li wieħed ifakkar żewġ elementi li jiddifferenzjaw l-iskema tal-kontribuzzjonijiet ta' La Poste mid-dritt komuni:

i) il-karattru liberatorju jew le tal-kontribuzzjonijiet;

ii) l-ammont tal-kontribuzzjonijiet.

(162) Rigward l-ewwel punt, min iħaddem fis-settur komuni jħallas kontribuzzjonijiet liberatorji f'sistema ta' tqassim. La Poste ma tħallasx kontribuzzjoni liberatorja imma bil-liġi ta' l-1990 kellha r-responsabbiltà li tibbilanċja l-iskema ta' rtirar għall-uffiċjali tagħha. Il-limitu ta' l-1998, li jiffissa ammont massimu għall-kontribuzzjoni "ta' min iħaddem" mingħajr kunsiderazzjoni marbuta ma' rata ta' kontribuzzjoni, wara, b'mod aktar fondamentali, il-liġi ta' l-2006, għandhom l-effett li jistabblixxu kontribuzzjoni liberatorja.

(163) L-għajnuna in kwistjoni twassal għalhekk għal soluzzjoni għall-ewwel element ta' differenza bejn l-iskema ta' La Poste u d-dritt komuni.

(164) Rigward it-tieni punt, il-Kummissjoni vverifikat li l-VAN tad-dħul finanzjarju futur skond il-liġi ta' l-1990 hija superjuri għall-VAN tad-dħul finanzjarju futur li jirriżulta mill-applikazzjoni tat-TEC emendat ([62]). Fin-nuqqas ta' l-għajnuna, La Poste ser ikollha għalhekk tħalli l-kontribuzzjonijiet superjuri għad-dritt komuni.

(165) Aktar mnn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet tassew ugwali mal-kompetituri ta' La Poste jimplika li jridu jsiru żewġ modifiki għat-TEC:

i) L-estensjoni tal-bażi tal-kalkolazzjoni għar-riskji soċjali kollha

Fin-notifika ([63]), il-kalkolazzjoni tat-TEC hija limitata biss għar-riskji komuni, li jesklusi partikolarment ir-riskju ta' qagħad u dak ta' nuqqas ta' ħlas tas-salarji f'każ ta' rkupru jew ta' likwidazzjoni ta' l-intrapriża, li għalihom l-uffiċjali mhumiex esposti fil-prinċipju minħabba l-istat tagħhom. Madankollu, l-istess loġika tar-riforma maħsuba minn Franza hija li toħloq ekwità fil-kompetizzjoni bejn La Poste u l-kompetituri tagħha f'dak li jikkonċerna l-kontribuzzjonijiet soċjali u fiskali obbligatorji, mingħajr konsiderazzjoni għall-istat differenti bejn l-uffiċjali u l-impjegati b'kuntratt tas-settur privat. Barra minn dan, anke jekk mobilità estensiva tidher eskluża (ara l-punt (146)), il-miżuri ad hoc ta' mobilità ta' l-uffiċjali ta' La Poste lejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi mhumiex impossibbli, li tagħti ċerta flessibbiltà lil La Poste fil-ġestjoni ta' l-uffiċjali tagħha ([64]), bl-istess mod kif ġara lil France Télécom.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li dawn l-argumenti jiġġustifikaw l-inklużjoni tar-riskji soċjali kollha fit-TEC. L-impenji ta' Franza (ara l-punt (98)) jirrispondu b'mod sodisfaċenti għar-rimarki tal-Kummissjoni.

ii) il-kalkolazzjoni l-aktar preċiża possibbli fit-tqassim ta' l-ispejjeż bejn is-setturi ta' posta/pakketti u s-servizzi finanzjarji

It-TEC notifikat ma kienx jinkludi l-parti tal-persunal li jagħmel xogħol differenti li reġa' ġie impjegat mal-Bank Postali fl-ambitu tas-servizzi finanzjarji, Franza stmat li b'differenza għall-impjegati mas-servizz pubbliku assenjati mal-grupp ta' riżorsi, dan il-persunal ġenerali m'għandu l-ebda taħriġ jew kompetenzi speċifikament bankarji u n-numru, l-uffiċċji fejn ġew allokati, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera tagħhom kienu definiti minn La Poste.

Min-naħa l-oħra, għall-Kummissjoni, il-fatt li persunal li jagħmel xogħol differenti jaħdem wkoll mas-servizzi finanzjarji, minn fuq il-bank pereżempju, jimplika li t-tqassim ta' l-ispejjeż bejn is-setturi ta' posta/pakketti u s-servizzi finanzjarji jrid ikun ibbażat fuq l-aktar informazzjoni preċiża disponibbli. L-impenn ta' l-awtoritajiet Franċiżi (ara l-punt (100)) li jinkludu fil-kalkolazzjoni annwali tat-TEC il-parti tal-persunal li jagħmel xogħol differenti li reġa' ġie impjegat mal-Bank Postali fil-perimetru tal-bank, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li ġejja mill-kompatibilità analitika ta' La Poste ([65]), huwa għalhekk sodisfaċenti.

([62]) Barra minn dan, sa mill-1998, La Poste ħallset kontribuzzjonijiet totali aktar għolja minn dawk li kienu jirriżultaw mit-TEC emendat.

([63]) Dwar dan ara l-anness 2 ("*Tqabbil tat-tnaqqis mis-salarji li japplikaw għall-uffiċjali u għall-imjegati tad-dritt komuni*") u l-anness 3 ("*Tqabbil tat-tnaqqis minn min iħaddem: La Poste/min iħaddem taħt id-dritt privat*") fid-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura.

([64]) Anke jekk id-digrieti ta' applikazzjoni għadhom ma ġewx adottati, il-liġi Nru 2007-148 tat-2 ta' Frar 2007 ta' modernizzazzjoni tal-funzjoni pubblika għandha l-għan li tneħħi ċerti ostakoli regolamentari tar-regoli statwatorji ospitanti u li tistabbilixxi għal La Poste arranġament simili għal dak applikabbli għal France Télécom. Franza tqis li l-kundizzjonijiet iffissati mil-liġi għandu jkollhom bħala konsegwenza li ċ-ċaqliq eventwali ta' l-uffiċjali ta' La Poste lejn l-amministrazzjonijiet ikunu "limitati fin-numru".

([65]) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2005 rigward il-miżuri marbuta mal-ħolqien u mal-ħidma tal-Bank Postali (l-ittra C(2005)5412) aċċettat is-sistema ta' kontabilità analitika ta' l-ispejjeż ta' La Poste lill-Bank Postali.

Il-perimetru ta' attività tas-settur finanzjarju fit- TEC għalhekk huwa mbiddel minn […]% għal […]% tas-salarji globali.

(166) Il-modifiki magħmula minn Franza fil-kalkolazzjoni tat-TEC jippermettu lill-mekkaniżmu msemmi li jekwivali l-livelli ta' l-ispejjeż soċjali u fiskali obbligatorji, ibbażati fuq is-salarji, bejn La Posta u l-intrapriżi l-oħra tas-settur "posta/pakketti" u tas-settur bankarju li jaqa' taħt is-settur pubbliku tas-servizzi soċjali. Il-perjodu ta' tranżizzjoni previst minn Franza fin-notifika għall-perjodu 2006-2010 madankollu m'għandux jippermetti lil La Poste li tħallas livell ta' kontribuzzjoni inferjuri għat-TEC emendat.

### *Ix-xenarju mingħajr l-għotja ta' l-għajnuna*

(167) Fin-nuqqas tar-riforma, La Poste kellha tagħmel proviżjoni, għall-kontijiet tagħha ta' wara s-sena finanzjarja 2006, l-impenji ta' l-irtirar ta' l-uffiċjali tagħha. Din il-finanzjament kien jirriżulta direttament minn dak li l-kontribuzzjonijiet "ta' min iħaddem" għall-pensjonijiet ta' l-impjegati ta' La Poste ma kienu obbligatorji.

(168) Fin-nuqqas ta' l-għajnuna, il-kontribuzzjonijiet ta' La Poste ma jkunux konformi mal-livell imħallas mill-kompetituri tagħha. Għalhekk, La Poste tbati żvantaġġ u ma tkunx tista' tikkompeti b'mod ġust fis-swieq liberalizzati (bħas-servizzi finanzjarji jew *l-express*).

(169) Fin-nuqqas tar-riforma, La Poste kellha tassigura l-finanzjament annwali adattat tal-kontribuzzjonijiet tagħha, li kien iwassal għal spiża annwali supplementari ta' diversi mijiet ta' miljuni ta' euro fir-rigward ta' l-iskema riformata ([66]). Madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra li dawn l-ispejjeż żejda (mhux sostnuti mill-kompetituri) mhumiex ta' ammont li kien iġiegħel lil La Poste biex tnaqqas l-attivitajiet tagħha fis-setturi mifutħa għall-kompetizzjoni, 'il ġewwa jew 'il barra mill-qasam ta' applikazzjoni ta' SIEG.

(170) Fil-fatt, parti sinifikanti mill-ispejjeż in kwistjoni hija marbuta ma' SIEG, li fil-prinċipju jkun jista' jippermetti lil La Poste li tirċievi kumpens għall-ispejjeż żejda relattivi ([67]). Barra minn dan, il-kontribuzzjonijiet relatati ma' attivitajiet li m'għandhomx x'jaqsmu ma' SIEG ma jkollhomx impatt materjali fuq l-attivitajiet programmati minn La Poste. Il-kontribuzzjonijiet in kwistjoni jikkostitwixxu spejjeż fissi. In-natura fissa ta' l-sipejjeż tfisser ġustament li dawn mhumiex suxxettibbli li jaffetwaw id-deċiżjonijiet kummerċjali ta' La Poste, aprtikolarment id-deċiżjonijiet futuri ta' investiment. L-ispejjeż fissi huma sostnuti minn La Poste, kemm jekk din tiddeċiedi favur ċertu proġett ta' investiment jew ieħor.

(171) Iċ-ċirkostanzi li fihom il-livell tal-kontribuzzjonijiet jista' jaffetwa b'mod sinifikanti l-attivitajiet ta' La Poste huma kemm l-ammont eċċezzjonalment għoli tal-kontribuzzjonijiet, li jista' jwassal lil La Poste li toħroġ mis-suq, u kemm żieda importanti ħafna tan-nefqa tal-kapital.

(172) Ir-riskju ta' falliment ta' La Poste ma jidhirx li jikkostitwixxi riskju materjali meta wieħed jikkunsidra s-sitwazzjoni ta' La Poste ([68]).

(173) Ma jistax ikun kompletament eskluż mill-pjan teoretiku li l-kontribuzzjonijiet supplementari annwali li trid tħallas La Poste kienu jkomplu jnaqqsu l-bilanċ tagħha, li seta' jbiddel it-termini ta' finanzjament ta' l-operatur skond spiża tal-kapital aktar għolja. Madankollu, din il-possibbiltà tidher tassew improbabbli fid-dawl ta' l-argumenti murija preċedentement u l-bidliet tal-kundizzjonijiet tas-suq ikunu (jekk jeżistu) *a priori* mhux sinifikanti.

### *L-effetti pożittivi ta' l-għajnuna*

(174) Il-liberalizzazzjoni tas-settur postali kien proċess kontinwu mill-1998 ([69]). Il-limitu u r-riforma ta' l-iskema ta' rtirar applikabbli ma' La Poste huma stadji importanti fl-adattament ta' l-intrapriża għal-liberalizzazzjoni progressiva, u bi preparazzjoni għal-liberalizzazzjoni kompleta tas-suq postali Franċiż ([70]). Huwa wkoll magħruf li l-liberalizzazzjoni tas-swieq postali fil-livell tal-Komunità għandha rwol importanti fil-qafas ta' l-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjieg ([71]). Minn pożizzjoni politika, imma dejjem f'relazzjoni ma' l-interess Komunitarju, il-Kummissjoni tqis li l-liberalizzazzjoni tas-settur postali tista' ssir aktar diffiċli jekk l-abbozzi ta' riforma għall-irtirar, bħal dak li huwa s-suġġett ta' din id-deċiżjoni, ma jiġux approvati.

---

([66]) Għall-2005 pereżempju, il-varjazzjoni bejn l-ammont li jrid jitħallas skond il-liġi ta' l-1990 u t-TEC emendat titla' għal […]. Għall-2010, Standard&Poor's iqisu l-ekonomija għal La Poste ta' 700 miljun euro.

([67]) Ir-regoli fil-qasam ta' għajnuna mill-Istat għall-kumpens tas-servizz pubbliku ma jippermettux kumpens żejjed. Barra minn dan, wieħed ifakkar li ż-żamma ta' servizzi riservati tidher ġustifikata biex tassigura l-ħidma tas-servizz universali fil-kundizzjonijiet ta' l-ekwilibriju finanzjarju (ara l-punt 16 tad-Direttiva 97/67/KE).

([68]) Hekk kif muri pereżempju mir-*rating* ta' La Poste minn Standard&-Poor's ippubblikat f'April 2007.

([69]) Fl-1998, il-liberalizzazzjoni tas-settur tal-posta kienet limitata għall-ittri ta' aktar minn 350 g li l-prezz tagħhom huwa anqas minn ħames darbiet it-tariffa pubblika applikabbli biex wieħed jibgħat korrispondenza ta' l-ewwel grad b'piż tal-kategorija normali l-aktar mgħaġġla (fejn teżisti). Fl-2003, il-limitu tal-piż tnaqqas għal 100 g u l-prezz inferjuri għal tliet darbiet it-tariffa pubblika, u wara, fl-2006, għal 50 g u l-prezz huwa inferjuri għal darbtejn u nofs it-tariffa pubblika.

([70]) Bl-istess mod, fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ N 405/2005, *Il-Greċja-Kontribuzzjoni finnazjarja għar-reġim ta' irtirar kmieni volontarju ta' l-OTE* (ĠU C 151 tad-29.6.2006, p. 2), il-Kummissjoni kkunsidrat li l-implimentazzjoni ta' l-iskema ta' rtirar kmieni volontarju ("VRS") kienet stadju neċessarju sabiex titkompla l-privatizzazzjoni ta' l-intrapriża.

([71]) Ara pereżempju l-punti 5 u 6 tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/67/KE f'dak li jikkonċerna l-kisba tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità (COM(2006) 594 tat-18.10.2006).

(175) F'dan il-kuntest, jaqbel li wieħed ifakkar li l-iskema ta' rtirar applikabbli għal La Poste skond il-liġi ta' l-1990 tippreżenta karatteristiċi speċifiċi (bħall-karattru mhux liberatorju tal-kontribuzzjoni "ta' min iħaddem" ta' La Poste fejn il-livell ta' din il-kontribuzzjoni huwa aktar għoli minn dak imħallas mill-kompetituri tagħha) li, jekk jittieħdu waħedhom, joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni b'detriment għal La Poste. L-effett essenzjali ta' l-għajnuna in kwistjoni huwa li tallinja l-kontribuzzjonijiet ta' La Poste ma' dawk imħallsa mill-kompetituri tagħha, biex b'hekk telimina d-distorsjoni tal-kompetizzjoni speċifika li taffetwa lil La Poste.

(176) Barra minn dan, il-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni li l-miżuri in kwistjoni huma adattati għall-objettiv ta' interess Komunitarju li huma jistipulaw. L-ebda strument ieħor jitratta l-kwistjoni b'mod aktar effikaċi. Fis-setturi fejn jeżisti SIEG seta' ċertmanet jingħata kumpens ta' servizz pubbliku, imma strateġija bħal din ma kinitx tkun sostenibbli fit-tul minħabba n-natura strutturali tal-problema.

(177) Barra minn dan, il-limitu u r-riforma għenu lil La Poste biex taġixxi progressivament bħala investitur privat, affaċċjat b'limitazzjonijiet kummerċjali normali. Miżuri diġà adottati, bħall l-impjieg ta' imjegati b'kuntratt tas-settur privat (minflok l-uffiċjali), diġà ġew implimentati f'din il-perspettiva.

(178) F'dak li jikkonċerna l-proporzjonalità tal-miżuri, l-għajnuna mogħtija hija limitata għall-minimu strett, minħabba li t-TEC emendat huwa kkalkulat bl-integrazzjoni tal-kontribuzzjonijiet kollha relevanti.

(179) Fl-aħħarnett, il-miżuri in kwistjoni, anke jekk ma jikkonċernawx reġim speċjali f'dak li jikkonċerna s-servizzi mogħtija lil min qed jirtira, jippermettu li dan il-mekkaniżmu ta' finanzjament, li l-evoluzzjonijiet storiċi kienu għamluh inutli, isir permanenti. Il-Kummissjoni tqis li dawn il-miżuri jidħlu għalhekk fil-qafas aktar ġenerali tar-riforma tas-sistemi ta' rtirar ta' l-Istati Membri, riforma mixtieqa kemm mill-Kunsill u kemm mill-Kummissjoni.

***L-effetti negattivi ta' l-għajnuna***

(180) Il-prodotti u s-swieq konċernati jistgħu jiġu klassifikati skond jekk dawn humiex parti minn:

i) setturi postali riservati, li ġejjin minn monopolju legali (bħall-ittri ta' anqas minn 50 g),

ii) setturi postali mhux riservati (bħal *l-express*),

iii) setturi mhux postali, partikolarment is-servizzi finanzjarji, li ilhom liberalizzati għal żmien twil.

(181) F'analiżi statika, il-Kummissjoni tqis li:

i) id-distrosjoni tal-kompetizzjoni huwa fin-natura tiegħu limitat ħafna fis-setturi riservati, fejn ma jeżistux kompetituri diretti. Meta jitqies il-passat ta' La Poste u ta' l-attivitajiet tagħha, huwa ċar li parti kbira ([72]) ta' l-impenji li mhumiex inklużi fil-karta tal-bilanċ ta' l-2006 huma relatati ma' l-attivitajiet fis-settur riservat;

ii) fuq is-swieq postali diġà liberalizzati u s-servizzi finanzjarji, ir-riżorsi finanzjarji użati minn La Poste b'konsegwenza tal-miżuri in kwistjoni jistgħu teoretikament jippermettu prattika ta' esklużjoni, li taqta' qalb il-kompetituri milli jidħlu fis-swieq konċernati. Fis-servizzi finanzjarji, il-Bank Postali għandu 10,7 % tas-suq ta' l-operazzjonijiet bankarji bl-imnut (fl-2005) imma jippreżenta grad ta' diversifikazzjoni mnaqqsa fl-attivitajiet tiegħu. Il-Kummissjoni tqis li l-miżuri hawn ikollhom biss effett limitat, partikolarment f'mument fejn id-dritt speċjali ta' distribuzzjoni tal-"livret A" jkollu jitwaqqaf ([73]). Fuq is-swieq postali li huma diġà liberalizzati (bħall-*express*), il-partijiet tas-suq ta' La Poste jistgħu jkunu sinifikanti, fejn ma jistax jiġi eskluż impatt tal-miżuri in kwistjoni fuq il-kompetituri. Madankollu, minħabba n-natura ta' l-ispiża fissa tan-nefqa tal-pensjoni, l-inċidenza reali jkollha tkun limitata.

(182) F'analiżi dinamika, partikolarment għas-swieq li jiddependu attwalment mis-settur riservat imma li normalment ikunu miftuħa għall-kompetizzjoni matul is-snin li ġejjin, il-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni li:

i) il-miżuri in kwistjoni jistgħu teoretikament jippermettu lil La Poste li żżomm pożizzjoni dominanti. Madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra li dan ir-riskju huwa dgħajjef għax il-miżuri jillimitaw ruħhom biex jallinjaw il-kontribuzzjonijiet imħallsa minn La Poste ma' dawk tal-kompetituri tagħha u La Poste ma ħadet l-ebda vantaġġ finanzjarju anomalu mill-monopolju tagħha ([74]);

([72]) Franza mhix f'pożizzjoni li tagħti ċifra preċiża l-ammont in kwistjoni, pereżempju minħabba li l-persunal li jikseb drittijiet ta' rtirar għandu karriera li permezz tagħha jgħaddi mis-settur riservat għas-settur liberalizzat fil-waqt li l-kontabbilità analitika ma ssegwix l-attività ta' l-aġenti bi tqassim uffiċjali imma li żżomm kontijiet separati bejn is-settur riservat u dak li mhux.

([73]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Mejju 2007 rigward id-drittijiet speċjali għad-distribuzzjoni "les livrets A u blu" (C(2007) 2110 ) tagħti disa' xhur lil Franza sabiex twaqqaf din is-sistema ta' distribuzzjoni.

([74]) Anke jekk ir-riżultati ta' l-2006 juru titjib, is-sitwazzjoni finanzjarja ta' La Poste mhix sejra tajjeb. Matul il-perjodu 1991-2005, il-proporzjon riżultat/dħul jitla' għal medja ta' 0,5 % biss. Il-proporzjon riżultat/dħul tas-settur riservat huwa ta' 6,8 % fuq l-2000-2004, fil-waqt li l-Kummissjoni aċċettat bħala livell normali proporzjon ferm għola fil-kwistjoni *Post Office Limited*, li l-attivitajiet ta' distribuzzjoni tagħha jkopru parti mill-attivitajiet ta' La Poste. Barra minn dan, l-ebda investitur privat ma kien jibni netwerk simili għal dak tan-netwerk postali. Dan ta' l-aħħar ma jistax jiġi livellat u huwa miżmum minħabba SIEG mogħti lil La Poste u kumpensi tas-servizz pubbliku mħallsa mill-Istat (dwar dan, Standard & Poor's jinnutaw li n-netwerk ta' La Poste jsostni talf annwali ta' 350 miljun euro, minkejja kumpens ta' 130 miljun euros f'forma ta' eżenzjoni mit-taxxa).

ii) anke jekk il-kontribuzzjoni fissa eċċezzjonali mitluba minn Franza tikkostitwixxi fil-fatt ħlas bil-quddiem fuq il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet marbuta mat-TEC emendat, li kien possibbli minħabba self ta' 2 biljun euro fl-2006, idgħajjef l-istruttura finanzjarja tal-grupp. Skond Standard & Poor's, La Poste impenjat ruħha fir-rigward ta' l-Istat biex sa l-2010 terġa' ssaħħaħ l-istruttura finanzjarja għal bħalma kienet fl-2005, partikolarment billi tagħti d-dħul li ġej mir-riforma tas-sistema ta' l-irtirar għall-ħlas lura tad-dejn. Is-sitwazzjoni finanzjarja ta' La Poste hija affetwata minn dan, f'perjodu kruċjali, fil-bidu tal-liberalizzazzjoni tas-settur tal-posta.

***Konklużjonijiet***

(183) Minn dak li jippreċedi jirriżulta li l-effetti negattivi ta' l-għajnuna mogħtija lil La Poste huma moderati.

(184) Dan għaliex, fid-dawl ta' l-impenji ta' Franza, il-miżuri jillimitaw ruħhom għal dak li huwa strettament neċessarju biex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ugwali f'dak li jikkonċerna l-kontribuzzjonijiet soċjali u fiskali obbligatorji, u jġibu fi tmiem id-distorsjoni tal-kompetizzjoni li tillimita lil La Poste, dawn ma jbiddlux il-kundizzjonijiet ta' l-iskambji kummerċjali f'miżura kuntrarja għall-interess komuni. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna in kwistjoni hija kompatibbli mas-suq komuni, mingħajr ma tkun neċesarja l-ebda miżura ta' kumpens komplementari.

### 6.4. **Rimarka komplementari: il-preċedent "EDF"**

(185) Fid-deċiżjoni tagħha 2005/145/KE fil-kwistjoni *EDF*, il-Kummissjoni awtorizzat l-għajnuna ta' l-Istat li teħles lill-intrapriżi minn settur ta' obbligi ta' pensjonijiet speċifiċi, li jeċċedu dawk li jirriżultaw mill-iskema ġenerali ta' l-irtirar u li keinu pew definiti matul il-perjodu ta' monopolju. F'din l-okkażjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li t-tħaffif parzjali ta' l-ispiża li tirriżulta mill-mekkaniżmu ta' finanzjament tad-drittijiet speċifiċi ta' rtirar miksuba qabel id-data tar-riforma kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat li seta' jiġi ddikjarat kompatibbli mas-suq komuni. Il-Kummissjoni stmat fl-analiżi ta' kompatibilità tagħha li s-sitwazzjoni ta' EDF ma kinitx daqshekk differenti fin-natura tagħha minn dik ta' "l-ispejjeż li mhumiex irkuprabbli" fil-qasam ta' l-enerġija. Fil-fatt sin kienet għajnuna maħsuba biex tiffaċilita t-tranżizzjoni lejn settur ta' l-enerġija kompetittiv. Il-Kummissjoni stmat xieraq li tassimila l-għajnuna lill-EDF ma' kumpens ta' l-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati, u ħabbret li din kienet qed issegwi din l-istrateġija fl-analiżi tagħha ta' każijiet simili.

(186) Fid-deċiżjoni *EDF*, l-għajnuna tikkonċerna biss attivitajiet imwettqa tradizzjonalment f'monopolju. Dan mhuwiex il-każ f'din il-kwistjoni, li titratta fl-istess ħin is-settur riservat u s-settur liberalizzat. EDF u La Poste għalhekk ma jistgħux jitqabblu kompletament. Madankollu, f'analiżi simili għall-metodoloġija ta' l-ispejjeż li mhumiex irkuprabbli, id-deċiżjoni tal-bidu ta' din il-proċedura tispjega: "f'dan l-istadju l-Kummissjoni mhix ser tikkonkludi li l-miżuri huma neċessarji biex tintegra bis-sħiħ il-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni tas-suq tas-servizzi tal-posta. Fil-fatt, raġunament bħal dan jista' jsir jekk il-Kummissjoni tkun assigurata li La Poste tinsab effettivament f'sitwazzjoni li tista' titqabbel ma' dik tal-kompetituri tagħha".

(187) Il-Kummissjoni issa stabbiliet li:

i) La Poste ma timpjegax aktar uffiċjali;

ii) it-TEC emendat ipoġġi lil La Poste f'sitwazzjoni ta' ekwità tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-kompetituri tagħha f'dak li jikkonċerna il-kontribuzzjonijiet soċjali u fiskali obbligatorji;

iii) l-obbligi li jirriżultaw mil-liġi ta' l-1990, qabel il-liberalizzazzjoni tas-settur postali, kienu jaffetwaw il-kompetittività ta' La Poste f'ambjent li kien għaddej minn liberalizzazzjoni.

(188) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għajnuna in kwistjoni teħles lil La Poste mill-obbligi ta' pensjonijiet speċifiċi, li jeċċedu dawk li jirriżultaw mill-iskema ġenerali ta' l-irtirar u li kienu ġew definiti matul il-perjodu tal-monopolju.

### 6.5. **Nuqqas ta' finanzjament ta' l-impenji ta' rtirar mill-2007**

(189) Il-Kummissjoni tinnota li La Poste kienet tħalli jidhru l-impenji ta' l-irtirar tal-persunal bħala uffiċjali li ma ġewx imdaħħla fil-karta tal-bilanċ tal-kontijiet annwali sa l-2006. Jekk il-kontribuzzjoni ma kinitx magħmula liberatorja, La Poste kellha tiffinanzja l-impenji korrispondenti fil-bilanċ mis-sena 2007. Dan jirriżulta minn applikazzjoni normali, mhux derogatorja, tan-normi ta' kontabilità inetrnazzjonali, skond ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni tan-normi ta' kontabilità internazzjonali ([75]). In-nuqqas ta' finanzjament għalhekk ma jikkostitwix għajnuna mill-Istat. Din ma timplikax fiha nnifisha riżorsi ta' l-Istat, u tikkomplimenta dawk implimentati mill-miżuri in kwistjoni.

([75]) ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

## 7. **KONKLUŻJONIJIET**

(190) Il-kwota ta' l-1998 u r-riforma ta' l-iskema tal-pensjonijiet ta' l-uffiċjali impjegati ma' La Poste skond l-Artikolku 150 tal-liġi ta' rettifika tal-finanzi għall-2006 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq komuni, sakemm:

i) it-TEC ikkalkulat kull sena jinkludi fil-parametru ta' l-attività "servizzi finanzjarji" il-parti tal-persunal li jagħmel xogħol differenti li reġa' ġie impjegat mal-Bank Postali fuq il-bażi ta' l-informazzjoni preċiża li ġejja mill-kontabbiltà analitika ta' La Poste, u li

ii) it-TEC jintegra t-total tat-tnaqqis u tal-kontribuzzjonijiet soċjali u fiskali obbligatorji, inkluż il-kontribuzzjonijiet AGS u ta' qagħad, il-kontribuzzjoni eċċezzjonali ta' solidarjetà u l-ispiża tas-servizzi assigurati minn La Poste stess,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-ewwel Artikolu*

Il-kwota, sa mill-1998, tal-ħlas lura minn La Poste tal-pensjonijiet ta' l-irtirar imħallsa mill-Istat lill-uffiċjali impjegati ma' La Poste, kif ukoll ir-riforma notifikata ta' l-iskema tal-pensjonijiet ta' l-imsemmija uffiċjali skond l-Artikolu 150 tal-liġi ta' rettifika tal-finanzi għall- 2006 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq komuni sakemm il-kundizjonijiet previsti fl-Artikolu 2 jiġu rispettati.

*Artikolu 2*

1. Ir-rata ta' ekwità tal-kompetizzjoni ("TEC"), ikkalkulata kull sena sabiex jiġi stabbilit l-ammont tal-kontribuzzjoni "ta' min iħaddem" liberatorja, stipulat fl-Artikolu 150 tal-liġi ta' rettifika tal-finanzi għall-2006, trid tinkludi fil-parametru ta' l-attività "servizzi finanzjarji" il-parti tal-persunal li jagħmel xogħol differenti li reġa' ġie impjegat mal-Bank Postali fuq il-bażi ta' l-informazzjoni preċiża li ġejja mill-kontabbiltà analitika ta' La Poste.

2. It-TEC irid jintegra t-total tal-kontribuzzjonijiet u l-kontribuzzjonijiet soċjali u fiskali obbligatorji, inkluż il-kontribuzjonijiet AGS (Assoċjazzjoni għall-Ġestjoni ta' l-Iskema ta' Garanzija tal-Krediti ta' Impjegati), il-kontribuzzjonijiet ta' qagħad, il-kontribuzzjoni eċċezzjonali ta' solidarjetà u l-ispiża tas-servizzi awto-assigurati minn La Poste.

*Artikolu 3*

Franza tinforma lill-Kummissjoni, fi żmien xaharejn li jibdew jgħoddu mid-data tan-notifika ta' din id-deċiżjoni, bil-miżuri meħuda biex din tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

Ir-Repubblika Franċiża hija d-destinatarju ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, 10 ta' Ottubru 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Neelie KROES
*Membru tal-Kummissjoni*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# KUNSILL

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**tat-3 ta' Marzu 2008**

**li tadatta r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE dwar kard għall-parkeġġ għal persuni b'diżabbiltà, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka**

(2008/205/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, u partikolarment l-Artikolu 57 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005, u partikolarment l-Artikolu 56 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Għal ċerti atti li jibqgħu validi wara l-1 ta' Jannar 2007 u jeħtieġu li jiġu adattati minħabba adeżjoni, ma sarx provvediment għall-adattamenti meħtieġa fl-Atti ta' Adeżjoni.

(2) Skond l-Artikolu 57 ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 u l-Artikolu 56 ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005, dawn l-adattamenti għandhom jiġu adottati mill-Kunsill fil-każijiet kollha fejn il-Kunsill adotta l-att oriġinali.

(3) Ir-Rakkommandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE ta' l-4 ta' Ġunju 1998 dwar kard għall-parkeġġ għal persuni b'diżabbiltà ([1]), għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

JIRRAKKOMANDA:

Ir-Rakkomandazzjoni 98/376/KE hija b'dan emendata kif stabbilit fl-Anness.

Magħmula fi Brussel, 3 ta' Marzu 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. PODOBNIK

([1]) ĠU L 167, 12.6.1998, p. 25.

*ANNESS*

Ir-Rakkommandazzjoni 98/376/KE hija emendata kif ġej:

1. Taħt is-seba' inċiż tal-punt D ta' l-Anness, il-lista ta' kodiċijiet ta' distinzjoni tinbidel b'din li ġejja:

   "B: Il-Belġju

   BG: Il-Bulgarija

   CZ: Ir-Repubblika Ċeka

   DK: Id-Danimarka

   D: Il-Ġermanja

   EST: L-Estonja

   IRL: L-Irlanda

   EL: Il-Greċja

   E: Spanja

   F: Franza

   I: L-Italja

   CY: Ċipru

   LV: Il-Latvja

   LT: Il-Litwanja

   L: Il-Lussemburgu

   H: L-Ungerija

   M: Malta

   NL: L-Olanda

   A: L-Awstrija

   PL: Il-Polonja

   P: Il-Portugall

   RO: Ir-Rumanija

   SLO: Is-Slovenja

   SK: Is-Slovakkja

   FIN: Il-Finlandja

   S: L-Iżvezja

   UK: Ir-Renju Unit"

2. Fil-punt E ta' l-Anness, it-tieni paragrafu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "Jekk Stat Membru jixtieq juża lingwa nazzjonali li mhix waħda minn dawn il-lingwi li ġejjin: il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol jew l-Iżvediż, għandu jagħmel verżjoni bilingwa tal-kard u juża waħda mil-lingwi msemmija hawn fuq, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Anness."

III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TA' L-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2008/206/JHA

**tat-3 ta' Marzu 2008**

**dwar id-definizzjoni ta' 1-benzylpiperazine (BZP) bħala droga psikoattiva ġdida li għandha tiġi suġġetta għal miżuri ta' kontroll u dispożizzjonijiet kriminali**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/JHA ta' l-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tagħha,

Wara li kkunsidra l-inizzjattiva tal-Kummissjoni,

wara li kkonsulta l-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Tfassal rapport dwar l-Evalwazzjoni ta' Riskju fuq 1-benzylpiperazine (BZP) fuq il-bażi tad-Deċiżjoni 2005/387/JHA minn sessjoni speċjali tal-Kumitat Xjentifiku estiż taċ-Ċentru Ewropew ta' Sorveljanza dwar id-Drogi u l-Vizzju tad-Drogi u sussegwentement tressaq lill-Kunsill u l-Kummissjoni fil-31 ta' Mejju 2007.

(2) Il-BZP hi sustanza sintetika. Ġiet rappurtata għall-ewwel darba fl-Unjoni Ewropea fl-1999. Bħall-amfetamina u l-metamfetamia, il-BZP hija stimulant tas-sistema nervuża ċentrali, imma b'ħafna inqas saħħa (madwar 10 % tad-d-amfetamina). Il-metaboliżmu tal-BZP jista jkun affettwat minn polimorfiżmi ġenetiċi f'sistemi ta' enżimi li jwasslu għal suxxettibilità inter-individwali wiesgħa għall-effetti tal-BZP. Hemm ukoll potenzjal għal interazzjoni ma' drogi oħra, imma globalment hemm nuqqas ta' data farmakokinetika umana.

(3) F'xi Stati Membri l-BZP hija aċċessibbli legalment minn fornituri ta' kimika; għal għanijiet ta' rikreazzjoni, tinbiegħ bħala pilloli u kapsuli permezz ta' siti Internet jew f'xi Stati Membri fi "ħwienet smart/ta' ħxejjex". Fis-suq illegali ta' drogi, il-BZP tinbiegħ/tinxtara wkoll bħala d-droga popolari ecstasy.

(4) Tlettax-il Stat Membru, u Stat terz wieħed (in-Norveġja) irrapportaw qabdiet ta' BZP f'forma ta' trab, kapsuli jew pilloli, li jvarjaw minn kapsola/pillola għal sa 64,900 pillola. Ftit teżisti informazzjoni li tista' tissuġġerixxi sinteżi, ipproċessar jew distribuzzjoni ta' BZP fuq skala kbira, u l-involviment ta' kriminalità organizzata.

(5) Il-BZP ma għandha l-ebda valur mediku stabbilit jew rikonoxxut; fl-Unjoni Ewropea ma hemm l-ebda prodott mediċinali magħruf u liċenzjat li fih il-BZP.

(6) Il-BZP bħalissa ma tinsabx, u lanqas ma kienet, taħt evalwazzjoni mis-sistema tan-NU. F'ħames Stati Membri, il-BZP hi suġġetta għal miżuri ta' kontroll u penalitajiet kriminali kif previst fil-leġiżlazzjoni tagħhom permezz ta' l-obbligi tagħhom taħt il-Konvenzjonijiet tan-NU ta' l-1961 jew l-1971. Żewġ Stati Membri japplikaw miżuri ta' kontroll għall-BZP fil-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-mediċini.

(7) Il-BZP instabet f'kampjuni post mortem. Madanakollu, il-punt sa fejn il-BZP kienet implikata fl-imwiet mhuwiex magħruf, minħabba li fil-każijiet kollha kienu involuti sustanzi jew ċirkostanzi oħra.

(8) Ir-Rapport ta' Stima tar-Riskju dwar il-BZP juri nuqqas ta' evidenza xjentifika konklusiva dwar ir-riskji globali tal-BZP. Madanakollu, minħabba l-attributi stimulanti tagħha, ir-riskju għas-saħħa, in-nuqqas ta' benefiċċji mediċi, kif ukoll meta jitqies il-prinċipju ta' prekawzjoni, hemm ħtieġa li l-BZP tiġi kontrollata, madankollu l-miżuri ta' kontroll għandhom ikunu xierqa għal-livelli relattivament baxxi ta' riskju tas-sustanza.

([1]) ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32.

(9) It-tqegħid tal-1-benzylpiperazine taħt kontroll jista' jgħin sabiex ikunu evitati problemi fl-infurzar internazzjonali tal-liġi u l-koperazzjoni ġudizzjarja,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, skond il-liġi nazzjonali tagħhom, sabiex jissottomettu l-1-benzylpiperazine (magħrufa wkoll bħala 1-benzyl-1,4-diazacyclohexane, N-benzylpiperazine jew – b'mod inqas preċiż - bħala benzylpiperazine jew BZP) għal miżuri ta' kontroll, proporzjonali għar-riskji tas-sustanza, u penalitajiet kriminali, kif previst fil-leġiżlazzjoni tagħhom f'konformità ma' l-obbligi tagħhom taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1971 dwar Sustanzi Psikotropiċi.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 3 ta' Marzu 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. PODOBNIK